# FRANK DUFF
# NISTGĦU NKUNU QADDISIN?





B'tifkira u b'radd ta' ħajr
lil Alla u lil Ommna Marija
fl-okkażjoni f'għeluq
il-Mitt Sena mit-Twaqqif
tal-Leġjun ta' Marija f'Dublin.

Maqlub għall-Malti minn Josephine Formosa

Ħajr lill-Uffiċjali tal-Concilium Legionis Mariae għall-permess tagħhom biex dan il-ktieb seta' jinqaleb bil-Malti.

Ħajr lil-Leġjunarja Għawdxija  Josephine Formosa li għamlet ix-xogħol tad-traduzzjoni.

Ħajr lil-Leġjunarja Doris Borg għax xogħol tal-grafika u lil-Leġjunarju Joe Micallef għax-xogħol tal-ortografija.

Stampat għand "Print Right"
Triq l-Industrija,
Qormi  QRM 3000
Malta

Nihil Obstat
Datum die 12.12.2021
Laurentius sac. Sciberras
Cens. Theol.

Leġjun ta' Marija
278, Triq San Pawl,
Valletta, Malta.

**Notament tal-Editur**

Bħala l-ewwel kitba tiegħu ppublikata, Aħna nistgħu inkunu Qaddisin? timmarka tappa importanti fil-ħajja ta' Frank Duff. Il-bijografija tal-Fundatur tal-Leġjun minn Father Robert Bradshaw, li kiteb fl-1984, issemmi li dan il-librett ġie ppublikat fl-1916. Il-manuskritt oriġinali u l-kopja l-iżjed bikrija li għadek issib ta' din il-biċċa xogħol, li fiha ammont sostanzjali ta' korrezzjonijiet u emendi b'idejn l-awtur, it-tnejn huma aġġornati. Riċerka bbażata fuq dawn id-dokumenti turi l-ewwel data alternattiva ta' pubblikazzjoni fl-aħħar parti tal 1921.

Aħna nistgħu inkunu Qaddisin? minn dak iż-żmien 'l hawn, u ġie stampat ħafna drabi u maqlub f'lingwi differenti. Tqassmu mijiet t'eluf ta' kopji ta' din il-biċċa xogħol ċkejkna.

F'din l-edizzjoni l-ġdida, ġew miżjuda notamenti in-naħa t'isfel tal-paġni biex jgħinu aktar lill-qarrej.

**Kontenut:**

Xi tfisser tkun Qaddis? ........................................ 6

Il-ġurnata fid-dettal ........................................ 22

Tfixkil u Ħofor fit-triq ........................................ 31

Armi u Għajnuniet ........................................ 40

Is-Sigriet kif tinfluwenza lill-Oħrajn ........................ 67

Alla fil-Ħidma tiegħu ........................................ 68

# X'Infissru b'Qaddis?

Alla żera' x-xewqa li nsiru Qaddisin fil-qalb ta' kull Kattoliku b'intenzjoni retta. Iżda ftit jippruvaw bis-serjetà biex din l-ambizzjoni jagħmluha tagħhom. Nistgħu ngħidu li l-kawża ta' dan hija l-qtigħ il-qalb, minħabba li ma nifhmux verament, min hu bniedem Qaddis.

## X'infissru b'Qaddis?

It-tweġiba li s-soltu tingħata għal din il-mistoqsija hi waħda; wieħed li jagħmel *penitenzi* kbar u li jagħmel *il-mirakli.*

Issa, din id-deskrizzjoni mhix korretta għaliex la l-mirakli u lanqas il-penitenzi m'huma meħtieġa. Il-bniedem li jagħmel miraklu ma jogħliex 'il fuq f'għajnejn Alla b'daqshekk; filwaqt li l-penitenza b'xi mod hi neċessarja, hu inkurraġġanti t-tagħlim tal-Qaddisin fuq dan is-suġġett diffiċli.

Iħeġġu mhux il-penitenzi  tal-biża' fuq il-ġisem iżda iktar li wieħed jevita il-fsied fl-ikel u kumdità żejda. Jgħidulna nibżgħu għal saħħitna u li nieklu biżżejjed ikel normali biex inkunu nistgħu nagħmlu x-xogħol tagħna u nitolbu bla xkiel.

Għandna oppurtunitajiet biżżejjed għall-eħrex mortifikazzjonijiet f'dak li hu tgħakkis tal-għajnejn u tal-ilsien, u fit-taqbida kontra s-seba' rjus tad-Dnubiet il-Mejta.

Għalhekk hemm definizzjoni oħra ta' x'infissru b'Qaddis.

**Hija din:**

*Persuna li bl-iskop li togħġob lil Alla, tagħmel id-dmirijiet ordinarji tagħha b'mod straordinarjament tajjeb.*

Ħajja bħal din nistgħu ngħixuha bla ma nnisslu stagħġib biha, bla ma nagħtu fil-għajn, li malajr tintesa, *u madanakollu tkun ħajja ta' persuna mill-aktar ħbieb għeżież t'Alla.*

Hija ħaġa ċara u ta' inkorraġġiment li tħares lejn il-qdusija b'dan il-mod. Meta naraw illi dawk l-affarijiet li tant beżżgħuna fil-ħajjiet tal-Qaddisin, – għaliex konna nħossu li ma konniex kapaċi nagħmluhom aħna, – m'humiex wara kollox l-aktar importanti għall-qdusija tagħhom, għandna nħossu li għandna nagħmlu l-qalb ħa nibdew illum bi sforz serju għal qdusija kbira.

**Emmen dan:**

*Huma biss l-ewwel waqtiet fejn immieru lil qalbna li verament iweġġgħu.*

Forsi l-kliem li ġej tal-Kardinal Newman iħajjarna nagħmlu pass 'l quddiem f'din it-triq:

*"Jekk tistaqsini xi trid tagħmel biex tkun perfett, ngħidlek tibqax titnikker fis-sodda x'ħin isirlek il-ħin li tqum; erfa' l-ewwel ħsieb tiegħek lejn Alla; agħmel żjara lil Ġesu Sagramentat; għid l-Angelus bid-devozzjoni; kul u ixrob biex tagħti glorja 'l Alla; għid ir-Rużarju sew; kun miġbur; ħalli barra ħsibijiet ħżiena; agħmel il-meditazzjoni ta' filgħaxija kif jixraq; agħmel l-eżami tal-kuxjenza; mur orqod f'ħin tajjeb, u diġa int perfett".*

**Min huma msejħa li jsiru Qaddisin?**

*Kull persuna li titwieled hi msejħa li ssir Qaddisa.*

Ħudha bħala ċertezza illi inti—għalkemm ħajtek tidher bħala waħda li mhix maħluqa għall-qdusija – qed tingħata grazzji biżżejjed, li jekk tikkopera magħhom,iwassluk għall-qdusija. Diġa rajna li mhu mistenni xejn minna li ma nkunux nifilħu għalih ; il-

qdusija lanqas mhi xi proprjetà esklussiva ta' xi grad jew ieħor ta' ħajja. Fost il-Qaddisin ikkanonizzati nsibu rejiet u tallaba, rappreżentanti ta' kull sengħa, ilsiera, eremiti, nies tal-belt, ommijiet ta' familji, morda, suldati u persuni ta' kull razza u ta' kull kulur.[1]

Qaddis ikkanonizzat hu xempju ipprovdut minn Alla, hu evidenti li l-istedina biex insiru Qaddisin hi magħmula għaldaqstant għall-bnedmin kollha. Daqshekk ieħor huwa fatt li Alla jagħti għajnuna suffiċjenti lil dawk li bis-serjetà jwieġbu għall-istedina tiegħu, biex jilħqu din il-mira.

## Iż-żewġ Suċċessi

Araw daqsxejn kif il-ħsieb li takkwista l-fama jew id-deheb iqanqal il-bniedem.

Xi tbatijiet lesti li jgħaddu minnhom biex ikollhom ċans għal gwadann ta' din id-dinja. U fl-aħħar mill-aħħar, anke jekk ikunu ħarġu diżappuntati huma stess, jimlew moħħ uliedhom bl-istess xewqat għal suċċessi mondani - b'tali mod li kull ġenerazzjoni tgħaddi mill-istess esperjenza qisha t-tektika għajjiena ta' pendlu t'arloġġ – minn żgħożija ambizzjuża għal età, li ttaqqal.

1 Il-Qaddis John Henry il-Kardinal Newman – Intelletwali Ingliż, Anglikan, ikkonvertit għall-Kattoliċiżmu u awtur prodiġjuż (1801 – 1840)

Dat-taħbit ta’ min jidħol għalih? Ħafna huma dawk li jisfaw żvantaġġjati minħabba nuqqas ta’ saħħa, jew għarfien, jew jonqsu li jħaddmu rashom tant li qatt ma hi taqbida ġġustifikata. Ħlief biss għal xi ftit, l-istinkar li semmejna hu purament telf ta’ żmien.

*Kemm hu differenti kif jittratta Alla ma’ min jitħabat għall-qdusija. Hawn kollox fiċ-ċertezza, fis-sod . Kull sforz huwa ppremjat. .*

Kollox jiġri għall-ġid tagħna; għax xorta waħda, sew fis-saħħa sew fil-mard, fil-faqar jew fil-għana, f’dak li jidher tajjeb u f’dak li jidher ħażin - il-bniedem ta’ rieda tajba minn kollox jista’ jagħmel gwadann spiritwali. Kull talba raġonevoli tinstema’; meta nitolbu, jitneħħa t-tfixkil ma ngħaddux minn provi li ma nifilħuhomx. F’widnejn id-dinja dan jidher qisu ħrafa, iżda il-mod kif Alla jopra ma’ minn ifittex l-għana tas-sema mill-qalb huwa sagrosant.

*Li wieħed bil-kalma kollha jgħid li m’għandux xewqa li jsir Qaddis, kif ħafna nies twajba jagħmlu, hu atteġġjament xejn ġeneruż lejn Dak li Hu tant-tajjeb. Ġaladarba Hu b’qalbu kollha jixtieqna li aħna nagħmlu ħwejjeġ kbar, ejjew nkunu determinati li nogħġbuH u npattulu l-ġenerożità b’ġenerożità*

## Jien Qatta' Dghufija

*"Jien nitwerwer bil-ħsieb ta' ħajja li fiha rrid nagħmel sforz konstanti nrażżan in-natura tiegħi biex nagħtiha forma ġdida. M'għandix rieda qawwija, u ħajja bħal din tmur lil hinn mil-ħila tiegħi".*

B'raġunar bħal dan, inwebbsu qalbna għas-sejħa li ħafna drabi nisimgħu f'widnejna. Ninsew il-fomm qaddis stess li jgħid, "Ejja u imxi warajja" [2] u wkoll lil kulħadd, "Il-madmad tiegħi ħelu u t-toqol tiegħi ħafif". [3]Allura x'hemm ħażin fina li nibżgħu mill-madmad ta' Kristu?

## Hi din ........... Kif narawha aħna:

Nokkupaw l-enerġiji ta' moħħna b'ideat li mhumiex importanti u li jiffurmaw lil ħsibijietna; filwaqt li Hu, li Hu sid l-Eternità, inħalluh biss bħala wieħed mill-ħafna interessi ta' ħajjitna, b' tali mod li mhux għaġeb illi ż-żelu, il-kuraġġ, u l-ħeġġa li bihom nistgħu nagħmlu ħwejjeġ kbar nużawhom għall-qligħ u l-pjaċiri li jirrendulna b'mod viżibbli u malajr. F'kelma waħda ma nagħtux valur mistħoqq lill-qdusija.

2 Matt. 19:21
3 Matt. 11:30

## Ladarba tbiddel din –

u ftit jenħtieġ biex tasal tagħmilha – ġaladarba taċċetta l-fatt li l-qdusija hi l-iktar ħaġa importanti fid-dinja għalik, issir l-iktar ħaġa naturali fid-dinja li titħabat għaliha. Dan hu s-sigriet kollu tal-isforz. Ikollok għan li jiġbdek u li tipprova tilħqu minkejja t-tbatijiet u li trid teħodha miegħek innifsek. Il-moħħ uman hekk jaħdem.

## Narawha Mod Ieħor

*Is-sigriet biex iseħħ dan jikkonsisti fi ftit kliem; irridu niffaċċjaw il-fatti.*

Kultant irridu nagħtu ċans lil moħħna jitlà 'l fuq mill-baħar fejn hu mgħaddas,f'affarijiet li mhumiex importanti u niffaċċjaw bil-kalma l-veritajiet li jidhru sewdiena u li jduru madwar il-fatti ċentrali tal-Mewt u tal-Eternità.

Aħseb fuq l-immortalità tar-Ruħ; kemm hu tal-ġenn li tippreferi dak li jgħaddi għal dak li hu etern, kemm hi qasira l-qagħda tagħna fid-dinja, kemm hu qrib dak il-mument li jiddiċiedi kollox u allura kemm tiswa kull minuta taż-żmien, li qasira kemm hi qasira, tagħti forma lill-ħajja tar-ruħ li tibqa' tgħix lil hinn mill-qabar.

Meta wieħed deliberament jaħseb fuq dawn il-kunsiderazzjonijiet solenni, ma jistax ikun li jibqa' indifferenti.

Meta nkunu ħsibna bis-serjeta' u sirna familjari magħhom, dawn il-ħsibijiet iġibulna forza ġdida f'ħajjitna. Issir bidla sabiħa f'ħajjitna. Hekk kif li kieku l-vleġġa tal-boxxla kellha ddur mit-Tramuntana u timmarka fuq Nofsinhar, ix-xejriet mondani jitwarrbu u r-raġuni ssuqna lejn Alla. Inżidu ftit imħabba u arana mħejjija tajjeb għal ħajja li tagħmilna Qaddisin.

Imma diġa ħadniha fit-tul iżżejjed. Waqt li konna fid-dubbju, *"il-ġranet prezzjużi sgiċċaw, u nsibu ruħna maqbuda fil-kurrenti 'l fuq mill-ilmijiet qawwija tal-qabar, u nisimgħu l-ilmijiet niżlin fl-abbiss bla dagħbien u nħossuna mġebbda lejn l-eternità"*

**L-Eternità!! Xi Ħsieb Dan!**

*Għalhekk f'isem Alla nagħtu bidu, sakemm baqagħlna ż-żmien u dment li xewqitna ħerqana għadha fina għalbiex inħobbuH b'qalbna kollha.*

## Ambizzjoni Ġdida

*Ibża' milli toqgħod tipposponi meta tibda. Għax jiġri li l-bruda tikber u d-destin kbir tagħna jintesa.*

O Alla tiegħi!

Agħmel l-indeċiżjoni tiegħi ma tħallix tasal dik il-ġurnata fuqi. Nistqarr illi l-ħidma tiegħek ma kienet tfisser xejn għalija ħlief okkupazzjonijiet ta' mument ta' telqa. Qalbi daret għal ħwejjeġ li jgħaddu. Iżda mil-lum 'il quddiem nagħti lili nnifsi kollni Lilek. Agħtini ż-żmien u fedelment imwiegħdek li naqdik. Agħtini lura s-snin li s-susa u l-ġradijiet belgħu, biex forsi ġurnata waħda nnrodduhom Lilek mimlija barkiet.

U ma nitolbokx għal ħwejjeġ kbar - ħajja ta' missjunarju jew ta' patri, jew ta' dawk oħrajn li nara madwari mimlija opri kbar. Ma nitlob xejn minn dawn; imma sempliċiment bla ma naħsibha darbtejn, bla ma ngħeja, niffaċċja l-ħajja komuni li ġurnata wara l-oħra ttul quddiemi, sodisfatt jekk fiha jien inħobbok, u nipprova nagħmlek maħbub.

In-natura tirvella kontra ħajja bħal din, qoffa tiela' u oħra nieżla bil-ħafna faċendi żgħar li ma jispiċċaw qatt u mimlija bit-tentazzjoni li tinfexx fid-divertiment

jew bidla. Jidher tant diffiċli li tkun kbir fi ħwejjeġ żgħar, li tkun erojku filli tagħmel dak li hu ordinarju; madanakollu din il-ħajja, li int trid minni. Żgur li hemm destin kbir fiha. U għalhekk jien kuntent.

U mbagħad biex tinkuruna l-bqija, għażiż Ġesu, nitolbok tagħtini din...... fedeltà sal-aħħar ..... biex nibqà wieqaf meta tasal l-aħħar sejħa, u li nieħu l-aħħar nifs għajjien fit-tgħanniqa tiegħek. Ħajja qalbenija ....... u fidila sa l-aħħar. Xewqa żgħira, wisq maħbub Ġesù, imma tkopri kollox.

## Li Tkun Trid Tassew

*Il-pedament veru tal-progress tagħna hu li jkollna rieda tajba.*

B'rieda tajba ma rridux infissru xewqa vojta sabiex tilħaq l-iskop, imma li nkunu lesti nitħabtu matul it-triq li tmexxina għal dan l-iskop.

Issa s-sinjal tar-reliġjon tagħna hu s-sinjal tas-salib.

Is-Sinjur tagħna Ġesù qalilna li jekk nixtiequ verament inkunu perfetti rridu nerfgħu s-salib kuljum. Għalhekk xi skuża jista' jkun hemm għal imġieba li turi li neħduha bi kbira meta jiġu fuqna

l-provi tal-ħajja? Dak li skorraġġixxa ruħu minħabba fihom jidher ċar  li jkun beda bla ma ħasibha. Filwaqt li min jaqta' qalbu għal darba, sinjal li qatt ma kien sinċier f'fehmtu. Għall-każ bħal dan Ġesù nnifsu kien qal; "Dawn m'għandhomx għeruq."[4]

## Il-Perseveranza

*Is-soltu kull bidu jiġina ħelu.*

Hu Alla li jtina b'xejn din l-għajnuna, sabiex jagħmlilna kuraġġ, l-istess bħal meta aħna nnewlu jdejna lit-tfal huma u jitgħallmu jimxu. Ma jkunx ta' ġid għalina li jibqgħu jerfgħuna, għalhekk wara ftit dik il-ħlewwa tibda tonqos. Imbagħad naslu fi żmien kritiku fejn  ir-riżoluzzjoni tagħna tiġi ttestjata. L-Anġli Kustodji żgur li jibku meta jaraw lil ħafna li setgħu jilħqu grad għoli ta'qdusija jieqfu ħesrem fil-kors li jkunu qabdu.

Issa li nċedu għax tonqosna l-ħeġġa, ikollna nammettu li qatt ma kellna f''moħħna li nogħġbu lil Alla, iżda nogħġbu lilna nfusna. Ġaladarba l-gost fil-ħidma li konna ħassejna fil-bidu , ħallejnih itir mar-riħ, ma nkomplux nistinkaw. Jidher li ftit jimpurtana li Alla xorta tibqa' togħġbu l-ħidma tagħna – jekk mhux iktar, forsi, għax l-offerta magħmula minn qalb muġugħa u moħħ għajjien hi dejjem l-iżjed  prezzjuża.

4 Cf. Mat 13

*Il-perseveranza hi l-aħħar grazzja li jagħtina Alla u hi l-akbar waħda.*

Hi l-prova ta' kemm għandna rieda tajba. L-eċċitament, li tkun se tagħmel xi ħaġa ġdida u ħwejjeġ oħra sempliċiment umani jistgħu jgħinuna nibdew xi ħaġa iżda ma jgħinuniex nipperseveraw. Xi jmur ħażin f'dawk kollha li jibdew b'mod eċċellenti u imbagħad jieqfu malajr? Issir sejħa għal voluntiera għal xi biċċa xogħol tajba. Iwieġbu ħafna – mimlija entużjażmu – imma bilkemm tibqa' persuna waħda soda, bilkemm tibqa' persuna waħda li żżomm idejha fuq il-moħriet sal-aħħar. U l-intenzjonijiet tajba li nieħdu f' Irtir.... Kemm inħalluhom jgħibu malajr! Hemm xi raġuni definita il-għala dawn il-persuni kollha tonqoshom il-kwalità tal-perseveranza? Din hi r-risposta fi kliem is-saċerdot De Ravignan[5]:

*"żgur li l-qerq kollu, nuqqasijiet spiritwali, il-miżerji kollha, id-difetti u l-ħafna tidwir 'il barra mit-triq it-tajba, kollha jiġu minn sors wieħed - nuqqas ta' talb kostanti."*

5 Ġiżwita Franċiż, oratur, u kittieb ( 1795 -1858)

## Is-Sigriet tal-Perseveranza Hu t-Talb

*Meta taqra l-ħajjiet tal-Qaddisin tikkonkludi li bejn wieħed u ieħor jinqasmu f'żewġ klassijiet: dawk li ngħataw ruħhom għall-kontemplazzjoni u dawk li għaddew ħajjithom f'xogħol attiv.*

Fir-realtà jkollok bħal xulxin. Kollha kienu erwieħ ta' talb. Kien ħsiebhom biss fit-talb. L-opri tajba tagħhom kienu jiswew għax kienu frott it-talb; kellhom l-istess relazzjoni mat-talb bħalma z-zokk ta' siġra jkollu ma' l-għeruq; l-opri tajba huma parti viżibbli tat-talb u l-opri t-tajba ma jeżistux mingħajr talb.

Il-preżent huwa żmien fejn qed isir b'suċċess appell lill-Kattoliċi biex permezz ta' ħidmiet ta' karità, juru l-Fidi li hemm ġo fihom. Nifhmu li meta azzjoni, l-iktar ordinarja, tista' ssir qaddisa jekk tkun ispirata minn intenzjoni qaddisa u l-kliem ta' Kristu Nnifsu,Hu u jiżgurana illi "Tassew, ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi", [6]jiġbidna b'qawwa kbira biex nagħtu servizz lill-proxxmu tagħna.

Hawnhekk il-possibiltajiet ta' qdusija huma immensi. Iżda ma nagħrfux biżżejjed li hu meħtieġ bilanċ tajjeb bejn talb regulari u opri tajba biex tkun tista'

6 Matt. 25:40

tippersevera f'tal-aħħar. Hemm tendenza li wieħed jaħseb li l-opri tajba nfushom fihom ingredjent tajjeb ta' talb. Il-varjetà tagħhom jagħmluhom faċli, filwaqt li t-talb hu diffiċli. Barra minn dan,inkunu rridu naraw ir-riżultati, u s-soltu ma narawhomx ir-riżultati tat-talb. Għalhekk innaqqsu t-talb tagħna – inħallu ftit jew xejn ħin għalih, nissodisfaw irwieħna billi naħsbu li qed nagħmlu ħafna xogħol prattiku lill-proxxmu tagħna.

Min qara l-kitbiet tal-Kanonku Sheehan[7] jiftakar illi bl-istess mod ta' raġunar spiċċa l-każ ta' Luke Delmege, tilef għal kollox l-ispiritwalità u spiċċa f'diżastru.

M'għandniex xi ngħidu, dan hu każ estrem. Iżda lkoll nafu li jkun hawn ħafna bi kwalitajiet nobbli, b'intenzjonijiet qaddisa, u li jkunu jippromettu ħafna, jaslu sa ċertu punt u mhux iktar. Nistgħu ngħidu, li dawn il-persuni fil-mixja tagħhom biex isiru qaddisin ma jibqgħux javvanzaw għax jaqtgħu qalbhom, ta' min jitħassarhom. Hu ferm iktar faċli li taqla' midneb mill-ħama milli tħajjar nies bħal dawn jinqalgħu minn ċerta tjubija medjokra li Alla qatt ma fassal għalihom. }a ntenni għal darba oħra n-nota li bdejna biha ftit ilu. Il-kawża ta' dan il-falliment li jġiblek ħniena hija din: m'hemmx talb biżżejjed.

7 Il-Kanonku Sheehan( 1852 1913) kien saċerdot mid-djoċesi ta 'Cloyne, Irlanda.. Kien kittieb popolari. Wieħed mill-kotba tiegħu jismu Luke Delmege ippublikat fl-1901

## Itolbu! Itolbu! Itolbu!

*Dan hu kif Santa Tereża[8] qalet, kieku kellha tiġbor fil-qosor it-tagħlim kollu tagħha.*

In-nies ma jifhmux l-importanza tat-talb. Jgħidu li hu diffiċli. Ma tistagħġibx meta tikkonsidra li ma jagħmlu ebda sforz biex jitgħallmu jitolbu. Ir-raġel li jaħseb li hi xi ħaġa mill-iktar naturali li jibgħat lil ibnu għal kors ta' sitt snin apprentistat biex jitgħallem sengħa, arah imbagħad jaħsibha li hi xi ħaġa assurda jarah jgħaddi sitt sigħat jaqra ktieb li jista' jgħallmu kif jitlob.

*Għandna nħallu t-talb jokkupa post importanti u definit fil-ħajja tagħna.*

Dan ma jfissirx li għandna ngħaddu ħafna sigħat mill-ġurnata għarkupptejna. Probabbli d-dmirijiet tal-istat tagħna ma jippermettux dan. Iżda ċertament għandna nimmiraw għal iktar minn kif inħobbu ngħidu titlob darbtejn, u mqar tlieta jew erba' darbiet kuljum.

## Ftit jitlob min jitlob għarkupptejh.

Kif qanpiena jew "tuning fork" tista tibqa' iżżomm il-ħoss il-ġurnata kollha jekk kultant u tant tibqa' ddoqqha, hekk ir-ruħ minn rajha tintrefà fit-talb bla

8 Hawnhekk l-awtur qed jirreferi għal Santa Tereża ta' Avila (1515 – 1582).

ma tieqaf issa b'xi aspirazzjoni, imbagħad b'xi ħsieb, jew ġakulatorja. Tħallux għal ħafna ħin il-moħħ imbiegħed minn Alla. Li ma nħossuniex inklinati għat-talb, kif il-biċċa l-kbira minna nħossuna meta jasal il-ħin tat-talb hi prova ċara li, daqs li kieku, m'aħniex ngħixu Miegħu.

# Il-Ġurnata fid-Dettal
## Il-Ġebla tax-Xewka

*Qabel kollox meta naħsbu fil-programm tal-ġurnata, - u b'importanza unika, bħal tas-Salib innifsu - għandha tiġi quddiem nett l-Quddiesa u t-Tqarbina ta' kuljum.*

Daqshekk ċar, dawn huma l-ikbar mezzi ta' Grazzja li qatt m'hu biżżejjed li nirrikmandawhom. Il-persuna li tista' faċilment tmur filgħodu għall-Quddiesa, u ma tmurx, qed tidħak biha nnfisha jekk  taħseb li qed timmira għall-qdusija kbira.

Tkun bdejt il-ġurnata b'mod perfett bil-Quddiesa u Tqarbina -  u hekk nofs il-battalja mirbuħa. Imma minn dan l-att kbir joħorġu żewġ obbligazzjonijiet:

**(a)** *Lejn il-proxxmu;*

*Hemm ħafna li minħabba nuqqas ta' ħsieb iżommu ruħhom imbiegħda mill-Quddiesa ta' Kuljum. Sellifhom ktieb jew kellimhom ftit biex  tqanqalhom.*

**(b)** *Lejk innifsek:*

*Aqra biex iżżid l-għarfien u r-riverenza.*

## L-Offerta ta' Filgħodu

*Il-ġurnata tagħna jmissha tibda billi noffru lil Ġesù ħsibijietna, kliemna u l-azzjonijiet kollha tagħna permezz ta' Marija.*

*Din l-offerta għandha tkun l-idea li tiggwidana matul il-jum. M'hemmx għalfejn nirrepetu l-kliem tagħha ħafna drabi, iżda l-ħsieb tagħha għandu jkun f'qalbna u jiddirieġi l-ħajja tagħna ta' kuljum b'tali mod li nħossuna qed naħdmu għal Alla u mhux għad-dinja.*

## Il-Xogħol Tagħna Ta' Kuljum

*Qabel xejn, ħadd ma għandu jitkabbar bix-xogħol tiegħu għax jikkunsidrah bħala superjuri għal oħrajn.*

Meta jiddisprezza x-xogħol manwali jew xogħol ta' servitù, huwa jkun qed imur kontra l-ispirtu Nisrani u jassoċja ruħu ma' dak pagan, li f'kull żmien kien iqis ix-xogħol bħala l-agħar ħaġa.

Il-Lhud antiki, bil-maqlub, kienu jqisu ta' mistħija jekk raġel ma jkollux sengħa. Nistgħu ngħidu li s-segwaċi ta' Ġesù, kienu minn fost ħaddiema manwali tat-

tip l-iktar umli, u t-tagħlim kollu tal-Kristjanità tradizzjonali minn dejjem għolla l-ħidma tal-id u għallem illi li tkun fqir, li għandek tistinka fix-xogħol, li twarrab dak li d-dinja tqis bħala li jiġbed l-għira ta' l-oħrajn, huwa tabilħaqq bidu twil fit-triq lejn il-ġenna.

"Li taħdem ifisser titlob," jgħid il-qawl tal-Irħieb li qatt ma qiesu li huma iktar imbegħda minn Alla meta qegħdin jaħdmu milli meta qegħdin għarkubbtejhom. F' biċċa mill-monasteri kienu jkantaw innijiet waqt li kienu jaħdmu; f'oħrajn kienu jordnaw il-meditazzjoni."

Fil-ħajja ta' San Bernard[9] naqraw li waqt li kien qed jiprepara priedka sabiħa ħafna, waqaf f'daqqa waħda milli jkompli jikteb peress li kien sarlu l-ħin biex imur jagħżaq fl-għelieqi. Oħrajn kien ikollhom xi ktieb tad-devozzjoni miftuħ quddiemhom għal xi ħsieb qaddis, filwaqt li jdejhom kienu jkunu applikati fuq xi biċċa xogħol; u saħansitra aktar tal-għaġeb, oħrajn qatt ma kienu jibdew it-tpinġija jew xogħol ieħor delikat li jrid ħafna konċentrazzjoni u paċenzja qabel ma jippurifikaw ruħhom bi qrara sagramentali.

9 San Bernard ta' Clairvaux (1090 - 1151) Ċisterjan Franċiż u duttur tal-Knisja.

Kien dan l-ispirtu ta' ħidma u talb magħqudin flimkien li għenhom jipproduċu tant opri tal-arti sbieħ li l-ġenerazzjonijiet tal-lum tammira, imma li ma jistgħux jipproduċu ugwali għalihom. Alla, fl-approvazzjoni tiegħu għal xogħol magħmul fi spirtu bħal dan nefaħ il-ġmiel fih. Ejjew ,jekk irridu nipproduċu xogħol simili, nersqu lejh b'manjiera simili.

## L-Importanza ta' Idea Retta tax-Xogħol

*Billi nofs il-ġurnata, meta mqajmin, ngħadduha nitħabtu, hu evidenti, l-bżonn li nifhmu tajjeb id-dinjità u l-qdusija tax-xogħol.*

Allura, ix-xogħol tagħna, ikun x'ikun, dak ta' ħajjata, ħaddiem, għalliem, tabib jew bidwi tahulna Alla bħala mezz biex bih nitqaddsu u bħala penitenza għal dnubietna. Dal-mod hu l-pedament tal-ħajja spiritwali tagħna.

*Min jittraskura xogħolu u madankollu jaħseb, illi għaliex qed jgħid ħafna talb, qed jgħix ħajja tajba, ikun qed jitqarraq.*

## Idea Retta tad-Dmir

*Għandna nagħmlu dak li hu d-dmir tagħna li nagħmlu – u nagħmluh f'waqtu.*

Id-dmir mhux xi ħaġa li nwarrbu kif ninżgħu l-fardal, kif ħafna nies jimmaġinaw. Jekk hu tassew dmirna li nżommu appuntament jew li nżommu sigriet hekk ukoll dmirna li nagħmlu x-xogħol tagħna. Id-dmir jiġi saħansitra qabel "id-Devozzjonijiet". Hu dmirek li taħsel il-platti, titlaqx dil-faċenda biex minflok tmur tilħaq il-Barka.

Għandna ħafna dmirijiet li jidhru inqas importanti minn oħrajn x'inwettqu matul il-ġurnata, u għal din ir-raġuni ma nsibuhiex bi tqila nitilquhom fil-ġenb b'kapriċċ minħabba l-konvenjenza tal-mument. Imġieba bħal din hi ħażina u ma tibnikx b'karattru sod. Il-valur veru tal-ġurnata qiegħed f'li nwettqu l-obbligi kollha li għandna b'eżattezza. Dawk li huma kbar kollox sew, nieħdu ħsiebhom għax l-importanza tagħhom iġġagħlna nagħmlu hekk. Allura ħa jkunu fi ħsiebna b' mod partikulari l-affarijiet iż-żgħar.

Ikkunsidra l-ġurnata sħiħa bħala stampa fejn kull linja għandha postha u fejn l-iċken ħaġa tista' tkun l-iktar essenzjali. Agħmlu kollox dak li suppost

tagħmlu u agħmluh sa l-iċken dettal - mhux għax xi ħadd qiegħed jissorveljak imma sempliċiment għax suppost tagħmlu.

Hemm proverbju (bl-Ingliż) li jgħid "Il-mewt ħafifa rixa. Id-Dmir tqil bħaċ-ċomb", u meta tgħix ħajja devota lejn id-dmir, tkun ħajja iebsa. Imma tkun ħajja ta' Raġel.

Hawn għandna lezzjoni mil-Lvant Imbiegħed.

Kien hemm wieħed Ġappuniż tas-sengħa u n-nies kienu jinnotawh jgħaddi ġranet sħaħ jorqom u jerġa' jorqom in-naħa ta' ġewwa ta' oġġett li kien qed jagħmel. Staqsewh, "Għaliex qed taħli dan il-ħin kollu? Ħadd mhu se joqgħod jara xogħolok". Huwa wieġeb, "u jien stess ma narahx?" Ma' din it-tweġiba, aħna bħala Nsara, m'għandniex inżidu, "U Alla jarah ukoll".

## Nitolbu Waqt Xogħolna

*Naraw li x-Xogħol u d-Dmir huma ħwejjeġ qaddisa meta l-idea t'Alla qegħda fihom.*

Iżda fihom infushom, mhumiex daqshekk qaddisa għal dawk li qegħdin jippruvaw ikunu qaddisin.

Irridu nġibu lil Alla iktar qrib tax-xogħol tagħna milli sempliċiment nagħmlu l-offerta tiegħu filgħodu. Irridu nżommuH ħdejna billi sikwit naħsbu fih.

Waħda soru Spanjola li kienet tieħu ħsieb ir-refettorju tgħid li sabiex tevita d-distrazzjoni kienet iġġib quddiem għajnejha lil dawk li kienet isservi daqs li kieku huma  s-Sinjur tagħna Ġesù u  Ommu Marija u l-Appostli. B'dan il-mod ix-xogħol tagħha sar mezz kbir ta' talba għaliha u s-sigħat li  għaddiet isservi fir-refettorju kienu sigħat mill-iktar devoti fil-ġurnata kollha.

Filwaqt li forsi l-moħħ miskin tagħna ma jlaħħaqx s'hawn, distratt b'elf ħaġa, nistgħu għalinqas b'fiduċja nfittxu bil-kwiet sens tal-Preżenza t'Alla. Dan ma jfissirx li nħossuH attwalment ħdejna.

Aħna bil-prattika regulari tat- talb u b'li sikwit naħsbu fiH, hekk li lil moħħna nitrenjawh li jkun kapaċi jerġa' jdur fuqU x'ħin nkunu ħielsa, inkunu mixjin tajjeb. Għaliex dan ifisser li minkejja li moħħna jmur band'oħra b'ħafna ħsibijiet li jkollna, ir-ruħ qed tagħtiH attenzjoni kwieta l-ħin kollu. Inkunu wasalna fl-istadju  li qed nitolbu dejjem.

## Il-Mekkaniżmu ta' Talb Frekwenti.

*Meta qed nipruvaw nibnu spirtu ta' talb ta' din ix-xorta, hu inutli li nserrħu fuq riżoluzzjonijiet vagi - magħmula f'waqtiet ta' fervur - biex nitolbu ta' sikwit.*

Riżoluzzjoijiet vagi m'għandhomx influwenza fuq bnedmin kif aħna aħna, imġarrba minn forzi li jbegħduna mit-talb kif sfortunatament jiġrilna. Irid ikollna ċerti mumenti speċifiċi fil-ġurnata li jsejħulna għat- talb sew jekk b'talba vokali kemm jekk b'riflessjoni.

Uħud minn dawn il-mumenti li jfakkruna, diġá għandna b'talba l-Angelus, it-talb ta' qabel u wara l-ikel, it-tislima meta ngħaddu minn quddiem knisja, u oħrajn. Il-lista nistgħu nżiduha, sabiex ħafna mumenti mill-ħajja tagħna ta' kuljum, fl-aħħar mill-aħħar, ikunu t'għajnuna b'mod faċli u naturali nerfgħu moħħna lejn Alla.

Għaddej funeral, tiltaqa' ma' ħabib, tisma' b'mewt ta' xi ħadd, iddoqq il-qanpiena tal-knisja, niktbu d-data, nittempraw il-lapes, indaħħlu l-ħajta fil-labbra - dawn kollha u nistgħu nibqgħu sejrin b'suġġerimenti x' nistgħu nżidu mal-lista. Iżda skond ix-xogħol ta' dak

li jkun jiddetermina x'inhu l-aħjar għalih. Tħabbilx rasek li forsi jkunu jidhru taċ-ċajt. Forsi fihom turi mħabba ikbar. Insomma xejn mhu  taċ-ċajt dak li jwasslek għand Alla.

Ikun aħjar li dawn l-atti ma jkunux frekwenti ħafna. Jistgħu lil dak li jkun jgħejjuh fl-intenzjonijiet tajba tiegħu jew itellfuh mill-attenzjoni tiegħu fuq ix-xogħol. Imma fuq kollox, għal min ikun qed jibda, għandhom ikunu definiti. Dan ifisser, li r-riżoluzzjoni għandha tieħu din il-forma: "Kull meta nħares lejn l-arloġġ (jew tista' tkun ħaġa oħra)  ngħid xi ġakulatorja partikulari tal-għażla tiegħi." Tiqafx għax forsi fil-bidu tarak qed tgħidha b'mod mekkaniku u bla devozzjoni u tħossha tgħajjik. Ma ddumx ma tidraha u d-drawwa tgħinek u issibha inqas diffiċli. Imma d-determinazzjoni dejjem hi meħtieġa, għax it-Tentatur jagħmel minn kollox biex itellifna prattika eċċellenti bħal din.

Filwaqt li nkunu nagħmlu progress filli nakkwistaw spirtu ta' talb, dawk l-affarijiet li nsibuhom ifixkluna għandhom jitilqu. Irid ikun hemm il-kwiet ġo fina, qabel ma nkunu nistgħu nippruvaw nibnu ħajja tabilħaqq spiritwali.

# Tfixkil u Ħofor fit-Triq

## Id-Dnub

*Id-dnub fid-diversi forom tiegħu, huwa żgur l-ikbar barriera li niltaqgħu magħha.*

Ħwejjeġ serji bħad-diżonestà, tagħti tort lill-imgħallem jew lil min jaħdem għalih, logħob tal-azzard, is-sokor, is-saħta, nistgħu nitkellmu fuqhom fit-tul. Imma żgur li m'hemmx bżonn nagħmlu dan. Għandna f'moħħna persuna li qed tagħmel sforz serju lejn il-qdusija; li taf bil-gravità ta' nuqqasijiet bħal dawn u li probabbli diġa qatgħethom barra minn ħajjitha.

Imbagħad hemm ruxxmata ta' nuqqasijiet komuni: imħabba żejda lejna nfusna, kliem b'ieħor, nirrispondu, il-vanità, l-għira, u oħrajn, attakki diretti li jirrendu ħajjitna miżerabbli. Suċċess iktar fiż-żgur jibda ġej waħdu jekk jiżviluppa fina s-sens ta' talb u mħabba. Dan inissel f'moħħna stmerrija lejn dak li mhux sewwa. Dawn in-nuqqasijiet ma jibqgħux jittantawna u u sempliċiment jieqfu minn ħajjitna.

*Dawk li semmejna ngħidulhom ċar u tond "dnub".*

Meta aħna ħatja ta' xi dnub minnhom, nafu li tkun okkażjoni li nindmu minnu u li nirreparaw. Iżda hemm għedewwa oħra għall-qdusija li huma aktar moħbija, u li konstantament iqarrqu imqar lil dawk in-nies b' intenzjoni retta, minħabba li dawn jidhru innoċenti u ta' min jirrikmandahom. Fost dawn nistgħu nsemmu l-iskuntentizza, ir-rispett uman, ma nrażżnux ilsienna, jitlagħlna malajr, l-iskuraġġiment u s-suppervja. Is-sabiħa hi , u din ħaġa serja, li dawn issibhom f'nies tajbin, li filwaqt li warrbu d-dnub, bla ma jindunaw qed iwettqu xogħol id-dnub.

## Nuqqas ta' Kuntentizza

*Din l-ikbar difett tat-tajbin.*

Jgħidulek,"Ma fiha xejn li dak li jkun ma jkunx sodisfatt". Jew isejħulha ambizzjoni u t-taħbil ir-ras li ġġibilhom idawruh f'virtù. Jista' jkollu ftit vantaġġ in-nuqqas ta' kuntentizza, meta jixprunana biex nimmiraw għal affarijiet aħjar. Iżda diżgrazzjatament l-iskuntentizza ġġiegħlna nistmerru dak li għandna. Inħallu dan is-sentiment tant ikagħbarna li arana llum tiġina l-għira naraw għand ħaddieħor dak li l-bieraħ kien għandna u stmerrejnih.

Issa dan l-ispirtu ta’ nuqqas ta’ kuntentizza jikkonċernana l-iktar x’ħin inħossuna delużi illi l-mod ta’ ħajja partikolari tagħna u l-ambjent tagħna mhumiex adekwati għall-qdusija. Ta’ sikwit inħallu dan il-ħsieb jidwi f’moħħna bħala ħsieb qaddis. Inħossuna żguri illi kieku Alla riedna nkunu qaddisin kieku kien jagħmilna saċerdoti jew sorijiet, jew tabilħaqq nkunu xi ħaġa oħra li ninzertaw li nkunu.

Ma jistax jeżisti ostaklu għall-qdusija ikbar minn delużjoni bħal din.

Il-kundizzjonijiet tal-ħajja ta’ kull bniedem huma l-materja prima li biha jsawwar il-futur tiegħu. Meta wieħed ma jemminx fil-possibiltajiet li jagħmel xi ġid b’dak li għandu aktarx li ma jagħmilx sforz.
Nistgħu nġibu din it-tixbiha: bħal wieħed li jibda jħaffer fil-ħamrija tal-ġnien ta’ wara d-dar ifittex għad-djamanti, hekk qisu jagħmel l-istess dak li jifittex għall-ġawhar tal-qdusija fejn ma jemminx li jeżistu.

Jista’ jkun li l-mod preżenti tal-ħajja verament ma jawgurax għal ħwejjeġ ogħla. Jekk dan hu hekk, fi żmien opportun Alla jiftaħ bieb ieħor għalina ġaladarba imma li aħna nkunu nagħmlu dmirna billi nagħmlu l-aħjar li nistgħu b’dak li għandna bħalissa.

Madanakollu, wisq probabbli, mhux talli mhix favorevoli, il-ħajja proprja tagħna hija l-unika waħda li twassalna għall-qdusija. Alla, li jara kollox, mhux se jagħżilhielna fuq l-oħrajn kollha mingħajr raġuni tajba.

Bl-iskuntentizza nkunu nagħmluha ta' mħallfin tal-azzjonijiet tiegħu. Ejjew mela nagħmlulu kumpliment billi naħsbu tajjeb fuq din l-kwistjoni, u mbagħad nintrabtu b'riżoluzzjoni soda li nkeċċu minn rasna kull ħsieb bħal dan li jiddisturbana.

*Postu jimtela bi grazzja. Ġo fina tibda tikber b'mod sod il-kalma. Insibu li l-inkwiet tal-ħajja ta' kuljum, inqas w inqas jagħmel bina. Mixjin 'il quddiem.*

## *Meta n-Nuqqas ta' Kuntentizza Jitwarrab*

*Dawk li minn dejjem kienu fi ħbiberija intima m'Alla ma jistgħux jivvalorizżaw kompletament il-kobor ta' dan it-teżor - il-paċi tal-moħħ - li dejjem ippossedew.*

Imma dawk li kienu jafu l-oppost, dan is-sentiment

ta’ paċi, hekk kif jiżviluppa jwasslilhom messaġġ ċar tal-preżenza tal-Ispirtu s-Santu fir-ruħ tagħhom. Wieħed ikun qabad it-triq tat-trankwillità li hi fattur ewlieni fil-ħajja tal-qaddisin.

Nieħdu l-eżempju ta’ San Vinċenz Ferreri.[10]

*“Jekk hux fit-triq, jew fil-kor jew fiċ-ċella tiegħu, jew hu u jippriedka, jew hu u jivvjaġġa, jew ikun jagħmel x’jagħmel dejjem kien trankwill għax qalbu kien għamilha oratorju fejn jitlob u hemmhekk kien jitkellem bla waqfien m’Alla bla ebda ħaġa ta’ barra ma kienet tiddisturbah.”*

## Ostaklu Kbir Ieħor – Ir-Rispett Uman

*Il-periklu tar-rispett uman mhux magħruf biżżejjed. Kważi kull Kattoliku jbati minnu.*

F’każ ta’ xi wħud hu difett daqshekk gravi li m’hemmx ċans għall-qdusija. Nistgħu nideffinixxu r-rispett uman bħala dak li noqogħdu fuq l-opinjoni tal-oħrajn minflok fuq dak li tgħidilna l-kuxjenza. Iġiegħlna nevitaw li niġu rridikulati u jnaqqsulna l-popolarità bir-riskju li noffendu l-verità u l-prinċipju. Nibdew

10 Predikatur żelanti Dumnikan Spanjol (1350 – 1419)

b'affarijiet żgħar, u jekk inċedu konstantament, ir-rispett uman ibaxxilna s-sens tal- prinċipju. Naslu li noħolqu mentalità li  tkun differenti mill-qdusija daqskemm hu l-ġibs differenti mill-ġobon.

Tkun imdorri li trodd is-salib qabel tibda tiekol. Meta ma tkunx id-dar, għax tistħi ma troddx salib. Dan hu rispett uman. Meta tgħaddi minn  quddiem knisja tagħmel tislima – minnbarra meta tkun ma' xi ħadd Protestant? Ma ddendilx inkwadru reliġjuż fis-salott. Tistħi tagħmel il-Via Sagra. Tistħi jekk il-kuruna tar-rużarju taqagħlek mill-but fil-kumpanija ta' xi Protestant jew ġot-tramm. Dawn kollha huma sinjali tal-marda li qegħdin niddiskutu.

F'kelma waħda, tant inti medhi togħġob lill-oħrajn li m'għandekx wisgħa għall-ħsieb li lil Alla, setgħu għoġbuh dawn  l-istqarrijiet żgħar fid-dieher, tal-Fidi. Ittrattajna miegħu bħalma s-sinjuri jittrattaw mal-foqra – jafuhom biss fil-privat u jinjorawhom fil-pubbliku.

Fil-ħajja ta' San Filippu Neri[11]  naqraw kif dan il-qaddis kien sikwit jagħti penitenzi t'umiljazzjoni lid-dixxipli tiegħu għax kien anzjuż jeqred minn fihom kull traċċa  ta' dan l-ispirtu ħażin. Prattiċi bħal dawn illum jitqiesu b'estremi. Hawn għandna suġġeriment li mhux estrem.

11 Fundatur Taljan tal-Oratorjani (1515 – 1595)

Jgħin lil kull min verament irid jeqred dan in-nuqqas ..... Ilbes fuqek b'mod li jidher xi ħaġa li hi Kattolika; xi baġġ jew xi sinjal ieħor li turi li int Kattoliku, li ma jistħix jingħaraf b'hekk. Li tħossok tiddejjaq tagħmel dan kif jiġrilhom ħafna,  huwa l-aħjar test tal-valur ta' dan is-suġġeriment; qed tfittex toqtol l-ispirtu ta' protesta  ta' ġo fik.

Oġġezzjoni li wieħed jista' jġib bħal: "Ma nemminx b'dik li tilbes baġġ", u " Ma nemminx b'dik li toqgħod timpressjona bir-reliġjon", is-soltu m'humiex stqarrijiet sinċiera. Dawk li jitkellmu hekk rari issibhom joġġezzjonaw li jilbsu xi baġġ marbut mal-politka jew man-negozju. Kun onest miegħek innifsek. Il-kwistjoni hi li m'intix tassew kburi li int Kattoliku.  Jekk tabilħaqq inti, ħaġa naturali li tħalli dal-fatt jidher  fil-pubbliku.

Il-qassis u s-soru jirreklamaw lilhom infushom lid-dinja b'dak li huma. Jalla l-lajċi jaghmlu l-istess, fl-affarijiet żgħar li jinqalgħu, jistqarru lil Kristu quddiem il-bnedmin biex ġurnata waħda Hu jkun jista' jistqarrhom quddiem il-Missier tiegħU tas- Sema.

Imma f'dan ħalli jkun hemm moderazzjoni sħiħa. Tagħmel xejn li min jarak jista' jaqtagħha li int persuna

eċċentrika, għax inkella b'hekk in-nies jevitawk u ma tkunx tista' tagħmel il-ġid. Li tiksi lilek innifsek b'sinjali reliġjużi jew li tagħmel minnek innifsek wirja bla bżonn ta' devozzjoni fi Knisja tkun tiżbalja b'dan il-mod.

## Il-qtigh ta' Qalb u s-Suppervja

*Il-valur spiritwali tax-xogħol li twettaq m'għandux jiġi ġġudikat minn kemm ftit jew ħafna se tikseb riżultat minnu, imma mis-safa tal-intenzjoni u mill-isforz li tkun applikajt fih.*

Priedka jew ktieb qawwi li jikkonverti lil ħafna jista' jġib lill-awtur inqas mertu minn att ċkejken ta' mortifikazzjoni. Għalhekk daqskemm tkun iblah jekk tiskoraġġixxi ruħek mħabba nuqqas ta' riżultat viżibbli daqshekk ieħor tkun iblah meta tħossok kburi b'suċċess apparenti. Ħafna nies komuni raw ħwejjeġ tal-għaġeb sforz it-taħbit tagħhom, filwaqt li l-Qaddisin sikwit kellhom jiġu wiċċ imb'wiċċ ma' falliment wieħed wara l-ieħor.

F'dak li tidħol għalih – agħmel il-parti tiegħek sewwa. Dak biss għandu jikkonċernak. Tkunx anzjuż għar-riżultati, li jistgħu jisfawlek biex titkabbar bik innifsek – tiċpisa biss ta' din is-suppervja tista' teqridlek il-ġmiel ta' kwalunkwe xogħol f'għajnejn Alla.

Jekk is-suċċess jikkaġunalek tinġis ta' kburija bik innifsek, sejjaħ lis-sens komun għal ħdejk biex jgħidlek kemm ftit għandek ċaħda tiegħek innifsek fil-ħajja tiegħek; kemm ftit tagħmel; u kemm faċilment stajt tagħmel iżjed li kieku ridt. U imbagħad qabbel lilek innifsek ma' dik il-kotra ta' nies twajba mid-dinja kollha li ħallew kollox għall-imħabba tal-Imgħallem Divin tagħna, u madanakollu jqisu lilhom infushom bħala għażżenin f'għajnejh.

Jalla ttenni ta' spiss din it-talba:

*"Ġesù ta' qalb ħelwa u umli – agħmel li qalbi tixbah lill-Qalb tiegħek".*

Jekk issir perfettament umli, Alla jużak għal xi biċċa xogħol kbira.

O Ġesù nixtieq li nsir qaddis – mhux biex insir kbir jien, iżda biex inti tkun maħbub ħafna.

# Armi u Għajnuniet
## Devozzjoni lejn Marija

*“Urini kif inti tgħid l-Ave Marija”, qal wieħed Qaddis kbir, “ u jiena ngħidlek kif inti tħobb lil Alla.” Il-ponot ta’ subgħajn Qaddisin oħra – miksijin bil-kallu mill-użu tal-kuruna tar-rużarju tagħhom – juru prattikament l-istess idea.*

*Irid ikollok imħabba tremenda għall-Madonna.*

Aqra u itlob, u erġa’ itlob, sakemm takkwista dik l-imħabba. Itlob lis-Sinjur Alla biex jagħtik biss l-imħabba lejha li Hu jixtieq li jkollok. Imħabba kbira lejha hu sinjal kbir ta’ qdusija.

*Tittrattahiex biss bħala r-Reġina tal-Qaddisin kollha.*

Hi ferm iktar minn hekk. Hija l-iktar bint maħbuba tal-Missier Etern, l-Omm tal-Iben t’Alla, u l-Għarusa tal-Ispirtu s-Santu. Meta titlob lil xi persuna tat-Trinità Qaddisa, ħalliha tkun qrib biex tirrikmandalek it-talba tiegħek.

*Hi ukoll l-Omm tagħna.*

Din l-idea hija reali għalina? L-imħabba lejn l-ommijiet

tagħna ta’ din l-art hi xi ħaġa sabiħa ferm. Minn liema baħar ta’ nar u ilma m’humiex lesti li jgħaddu minnhom għalina? Madanakollu l-imħabba tagħhom hi mċajpra u dgħajfa meta mqabbla ma’ tagħha.

Kienet tradizzjoni ta’ drawwa ħelwa li jaħasra tidher inqas komuni milli kienet - illi l-ġenituri jikkonsagraw it-trabi tagħhom lill-Omm Imbierka. Il-qawwa terribbli tad-Demonju fuq il-ġisem tal-bnedmin ipposseduti minnu għandha tkun l-aħjar rakkomandazzjoni ta ’din id-devozzjoni. Għad-deni li jista’jagħmel lill-persuna, Hi bil-miljun darba iżjed tista’ tagħmlilhom il-ġid.

Ejjew nikkonsagraw mhux biss it-trabi tagħna, imma lilna nfusna bl-iktar mod solenni – waqt li niftakru li kulma hu ta’ Marija kollu hu għal Ġesù.

## San Ġużepp

*Is-Sinjur tagħna Gesù u l-Omm tiegħu mbierka kienu jistennew mingħand Ġużeppi l-għajxien ta’ kuljum. Mhux għaġeb għalhekk li l-Knisja tgħidilna: Morru għand Ġużeppi.*

Kien għażiż ħafna għall-Qaddisin. Partikularment l-imgħallma l-kbira tat-talb – Santa Tereża – tgħidilna ħwejjeġ sbieħ dwar il-frott li jinkiseb mid-devozzjoni lejh.

M’hemm l-ebda xogħol jew kundizzjoni ta’ ħajja li ma ssibx fih xi assoċjazzjoni miegħu, li tnissel inkuraġġiment f’dak li jkun. Fuq kollox, bħala Patrun ta’ dawk li jistinkaw fuq xogħolhom u jaqilgħu fuq wiċċhom, nirrikorru lejh, aħna u nafu illi, li tixbhu b’dak il-mod dirgħajn it-Tarbija Divina jitqanqlu biex jgħannquna.

Nistgħu nagħmlu fina d-drawwa li nlissnu xi talba żgħira lilu, bħal, “ San Ġużepp, li Ġesù kien isejjaħlek Missier, itlob għalina.”.

Din kienet l-ikbar dinjità tiegħu.

## Il-Bżonn tal-Qari Spiritwali

*Aqra letteratura tajba, għin oħrajn jaqraw letteratura tajba u wara lkoll kemm aħna nagħmlu opri tajba.*

Għandna nrabbu fina gost għall-qari ta’ letteratura reliġjuża. Trid talloka ħin definit u ta’ kuljum, għalih. Minnu nakkwistaw interess fir-reliġjon tagħna; nestendu l-għarfien tagħna fid-duttrini tal-Knisja, nitgħallmu l-istorja tagħha, il-glorji tagħha, l-istituzzjonijiet tagħha, l-għedewwa tagħha, u nkunu kapaċi nirrispondu għall-mistoqsijiet bla għadd u oġġezzjonijiet li l-ħin kollu tisma’ mingħand min hu ħabib u mingħand min hu għadu.

Hemm skarsezza ta' libreriji reliġjużi tajba. Probabilment ikollna nixtru il-kotba li nkunu nixtiequ naqraw. Imma ejjew nagħmlu ftit sagrifiċċju biex kultant nixtru dak il-ktieb, naqrawh tajjeb u naqrawh iktar minn darba. Jekk awtur ikun approfondixxa l-ħsieb fix-xogħol tiegħu ma tkunx tista' tapprezzah b'qari ta' darba.

Wara dan, ħalli l-missjoni tiegħu ma tkunx li jiġbor l-għabra fuqu imma jiġbor l-erwieħ. Agħmel appostolat bih billi tiċċirkulah għall-qari fost ħbiebek li tista' tafdahom li jirritornaw il-ktieb li tkun sellifthom.

B'mod regolari naraw li tidħol xi rivista reliġjuża fi djarna li żżommna f'kuntatt mal-attivitaijiet tal-Knisja Universali li jkunu qed isiru madwar id-dinja kollha.

## Għandna Naqraw il-Ħajjiet tal-Qaddisin

*Konna mgħallmin li naqraw permezz ta' "headline".*

Bla ma nkunu konxji nfasslu ħajjitna b'xi "headlines" ukoll.

L-iskop t'Alla biex jiġu kkanonżżati l-Qaddisin kien biex jipprovdi "headline" li jiġbidna lejn it-tjubija u l-eroiżmu.

Il-Qaddisin huma d-duttrini u l-prattiċi tal-qdusija magħmula viżibbli. Jekk niffrekwentaw il-kumpanija tagħhom, malajr nimitaw il-kwalitajiet tagħhom.

## Il-Kwistjoni tal-Gazzetta

*Għandna x-xeħta li mingħalina hu neċessarju li naqraw dawk il-gazzetti ta' kuljum  sabiex inżommu kuntatt ma' dak li qed jiġri fid-dinja. Ejjew noqogħdu attenti li ma jmorrux iġagħluna ninħakmu mid-dinja.*

Il-gazzetta moderna tant hi miktuba tajjeb, tant tattira l-għajn, li aktarx issir togħġobna ħafna. Hi tendenza komuni li niffangaw fil-ġazzetti ta' kuljum. Diskussjonijiet li ma jispiċċaw qatt, bixriet ta'preġudizzji, tilqit ta' għarfien, stmerrija għal-letteratura serja u tajba, telf fil-ħila ta' konċentrazzjoni,nuqqas ta' memorja - dawn huma l-prodotti ta' sigħat moħlija u li kieku matulhom is-Saltna t'Alla setgħet inġabet 'l quddiem bil-kbir.

## Meditazzjoni, Realizzażżjoni, Azzjoni

*Il-qari hu preparazzjoni għat-talb u intimità m'Alla.*

Wieħed irid ikun qara biex jimmedita fuq ħwejjeġ reliġjużi, inkella m'hemm xejn fuqiex timmedita.Tkun

qisek lampa bla żejt. Imma aqra bil-mod u aħseb fuq dak li qed taqra. Li tgħaddi l-kotba malajr bla ma tirrifletti x'fihom hi ħaġa bla siwi bħal ma hu bla siwi li tiekol bla ma tiddiġerixxi l-ikel.

Għalhekk għandna nakkużaw lilna nfusna li qed naħlu ż-żmien jekk naqraw bla ma jkollna xewqa li napprofittaw mill-qari tagħna. Imma din hi d-drawwa komuni tagħna. Ma nimmeditawx u allura ma' jħallix frott. Inħallu bla ma nesploraw il-veritajiet divini fil-qiegħ ta' qalbna. U li għandom jippossedu l-intellett tagħna u jimbuttawna għal ħwejjeġ kbar. Hemm differenza tal-għaġeb bejn temmen biss u tirrejalizza.

Hemm differenza kbira bejn sempliċiment temmen u jkollok għarfien komplet.

Hawn ġejjin xi veritajiet li lkoll nemmnu fihom:

**(1) Il-mewt li ma nistgħux naħarbu minnha - imbagħad il-ġudizzju**

**(2) Il-Grazzja li hi l-aqwa ġid li jista' jkollna f'din id-dinja**

**(3) Id-Dnub - ukoll dak venjal - hu l-ikbar sfortuna f'din id-dinja**

Issa kemm nistgħu ngħidu li qegħdin nagħrfu dawn il-veritajiet u qed naħdmu fuqhom?

U jerġa'! Nafu li Alla infinit sar Bniedem minħabba fina: mhux bħala Re - u ried l-imħabba u mhux il-biża' - imma tarbija tirtogħod ta' nies foqra; ħaddiem tas-sengħa b'idejn ħorox bix-xogħol; vjaġġatur bla dar - wieħed jista' jgħid vagabond ..... u mbagħad ġie maqbud, ittorturat u msallab għall-mewt tas-salib; oġġett ta' stmerrija; dan kollu, biex jirbaħ l-imħabba tagħna jew forsi l-ħniena tagħna, li tista' xxebbaħha mal-imħabba.

Oh! Kemm hi ħaġa tal-biża'!

Il-qaddisin kienu jgħajtu b'qalbhom maqsuma meta jaħsbu li mħabba kbira bħal din, id-dinja tiċħadha. Għax hekk hu! Il-Kurċifiss hu biss biċċa njama jew biċċa metall għalina.
*Għandna d-dmugħ għal kwalunkwe ħabib barra għaliH!.......... Lealtà lejn kull kawża oħra minbarra din!..........u għaliex?*

Għaliex ittraskurajna l-mezzi li s-sens komun jiddiriġina biex nużaw. It-talb u l-meditazzjoni jagħmluhulna reali u vivaċi; imma fl-indifferenza tagħna, nħalluH qisu dell - u min jista' jħobb dell?

Hekk qed nitilfu l-akbar forza fid-dinja - l-imħabba personali għal Ġesù, li ma tistenna ebda premju, li lill-mewt tidħkilha, fejn is-sagrifiċċju jsir mill-qalb u l-qdusija tkun faċli.

## Il-Meditazzjoni hi hekk Diffiċli Ħafna

*Hemm ħafna li verament ma jkunux kapaċi jimmeditaw b'mod regolari.*

Dawn m'għandhomx jaqtgħu qalbhom u jaslu biex jevitaw għal kollox il-meditazzjoni. Ta' min jagħmilha l-meditazzjoni, u jista' jintuża metodu ħafif li ġej.

## *Waqt li nippruvaw inġibu quddiem għajnejna b'mod ċar l-Imgħallem Divin tagħna, b'attenzjoni kbira għandna nikkunsidraw dan il-Mudell Divin*

Il-Figura misluta tiegħU, wiċċu seren u sabiħ, kliemu, l-azzjonijiet tiegħU - neħudhom waħda, waħda, u mill-aħjar li nistgħu nirriflettu fuqhom b'affezzjoni. Xi ġmiel li ma jitqabbel ma' xejn joħroġ jiddi minnhom. Tant ġentilezza, tant għerf, tant safa, sabar, ħlewwa, tenerezza u tant imħabba li tibqa' fidila lejna, aħna li aħna ta' rasna u li tant nonqsuH!. Inħarsu u nammiraw u nfittxu nieħdu n-nifs ta' dik il-ħlewwa tagħhom ġewwa qalbna.

Nistgħu nikkunslaw b'dan....... mhux se nfittxu dan bla ma jkollna frott. It-teżor tal-perfezzjoni fiH mhux bħat-teżori tad-dinja, maqfulin wara xi grada jew fil-mużewijiet - tammirahom imma qatt ma jistgħu jkunu tiegħek. Kull perfezzjoni tilma f'Ġesù qegħda hemm biss biex tiġi kkommunikata lilna. B'qalbU kollha jixtieq li jagħtihomlna. Għalhekk ħares lejhom u b' ħerqa xtieq li jkunu tiegħek, u jsiru tiegħek.

Mela ħaġa sempliċi bħal din tista' tkun il-meditazzjoni tagħna.

M'hemmx bżonn ta' sistema fissa, għalkemm din tgħin. M'hemmx bżonn sforz u wkoll lanqas hemm bżonn riżoluzzjonijiet - Imma xewqa li tħobbU u li ssir tixbhu. Hekk nimxu 'l quddiem bil-kbir. U dan għaliex?

Għax kif jgħidu t-teoloġi, il-kwalitajiet tiegħU mhux biss huma qaddisa iżda wkoll li jqaddsu, li nħarsu biss lejhom b'intenzjoni tajba jidħlu f'qalbna u jsiru parti minna.

*U nħallu ħarsitna tkun bħalma żgur kienet dik ta' Marija. Itlobha l-għajnuna għal din il-kontemplazzjoni. Hekk għamlet mil-lejl meta għall-ewwel darba tefgħet ħarsitha fuq wiċċ Ġesù tarbija għadu jitwieled.*

## Xejn ma Jien Kapaċi Nimmedita

Lil dawk li mqar l-iktar forma sempliċi jsibuha tqila tgħinhom ħafna li jieħdu ktieb spiritwali quddiem is-Sagrament, imbagħad bil-mod il-mod jaqrawh iktar b'mod ta' talba milli sempliċiment taqra bħas-soltu. Ieqaf sikwit -- wara kollox kull tieni kelma tirrappreżenta idea -- tkellem sikwit ma' Ġesù Ewkaristija realment preżenti. Aktar ma ddum fuq kull sentenza, aħjar.

Jekk għandek ħila tidħol fil-fond fil-ħsieb ta' dak li tkun qed taqra għal ċerta tul ta' ħin, ikun ifisser li qed tagħmel forma ta' meditazzjoni sodisfaċenti ħafna.

## Ix-Xogħol Tagħna Għall-Proxxmu Tagħna

*Il-fatt li Alla fil-Providenza tiegħU ħalliena fid-dinja, minflok tana vokazzjoni reliġjuża, juri li Hu jixtieq li d-dinja tkun il-vokazzjoni tagħna.*

Jiġifieri l-persuni u l-ħwejjeġ ta' madwarna għandhom ikunu mezzi li bihom nitqaddsu. Għandna nqisu li s-servizz li nagħtu lill-proxxmu hu essenzjali għall-iżvilupp sħiħ tagħna. Għandna nżommu f'moħħna li naqdu lill-proxxmu tagħna għall-imħabba t'Alla jfisser li dak li nagħmlu lilu nagħmluh lil Alla.

## L-Influwenza li Nistgħu Neżerċitaw

*Il-qawwa li kull wieħed minna għandu li biha jinfluwenza għat-tajjeb jew għall-ħażin hi tant kbira li hi kważi bla limitu.*

L-ispjega għal dan hija li meta Alla jsib ħaddiem li jkun irid, li hu umli, li tista' torbot fuqu, jużah bħala kanal għall-grazzja tiegħU lill-oħrajn. U xi ħaġa orribbli li tgħidha, hemm ħafna li jisilfu lilhom infushom biex b'dan il-mod ikunu strument f'idejn ix-Xitan, u jaċċettaw id-destin li jgħinuh fil-ħidma tiegħu.

Nitfgħu l-ħsieb tagħna fuq xi ismijiet bħal San Pawl, San Duminku[12] , San Franġisk t'Assisi,[13] u min-naħa l-oħra Luteru[14] jew Voltaire[15], u dawn iservuna t'eżempji, persuna waħda x'tista' tagħmel -- biex tinfluwenza d-dinja kollha, seklu wara seklu.

Il-bniedem hu żgħir, imma bniedem li jieħu bis-serjetà idea li tiġih f'moħħu mhux żgħir. Se jinfluwenza lill-oħrajn u ħadd ma jaf sa fejn din l-influwenza se tasal. Ejjew inħallu dan il-ħsieb dominanti jkun il-Glorja t'Alla u s-Salvazzjoni tal-Erwieħ.

12 Il-Fundatur Spanjol tal-Ordni Dumnikan (1171 -1221)
13 Il-fundatur Taljan tal-Ordni Franġiskan (1181-82 -- 1226)
14 Figura sinifikanti tar-Riforma Protestanta fi-Ġermanja (1483 – 1546)
15 Kittieb Franċiż u Satiriku, il-moħħ tal-Illuminiżmu tas-seklu 18 (1694 -1778)

## Provi li Juru Suċċess

*Ċerti provi nistenewhom. Xi ħadd se jgħaddilna kummenti bħal li nagħmluha tal-Qaddisin, li għadna trabi tal-ħalib, li ma nifhmux, b'moħħna magħluq u li ma nittollerawx.*

Din tal-aħħar li ma jittollerawniex għandna għax nilqgħuha bil-qalb. Din terfagħna 'l barra minn dik il-klassi, li ma tgħoddhiex, li jitqiesu u li jqisu lilhom infushom bħala li huma moħħhom miftuħ, meta fil-fatt huma biss opportunisti. Madanakollu l-akkuża fiha nitfa ta' verita li tweġġagħna ftit. Għax li żżomm ma' ċerti regoli ta' prinċipju u kondotta jfisser li tidher magħluq f' għajnejn dawk li ma tfixkilhom ebda regola. Hi parti mit-tbatija li nġorru meta nkunu aħna li għandna raġun.

## Responsabbiltajiet li ġġib il-Qdusija

*Li tassoċja ruħek mar-reliġjon fl-imħuħ tan-nies, kif bla dubju jiġri jekk taħdem  għalhekk, tinvolvi responsabiltà.*

Jista' jkun li ma jkollhomx raġun, imma madanakollu n-nies tiġġudika r-reliġjon b' mod ġenerali mingħandek. Jekk inti toħroġ ta' raġel bl-imġieba tiegħek, tgħin sabiex ir-reliġjon tkun aktar attraenti f'għajnejn l-oħrajn. Jekk inti tagħmel minnek innifsek Samaritan it-Tajjeb Universali, li jkollok ilsien bħal ta' San Alfons Maria de Liguori[16] - li ma tkunx taf tgħid kelma ħarxa, li ma titkellimx b'mod sarkastiku u li dak li tagħmel tagħmlu bil-ġentilezza - tiġbed in-nies lejk, u aħjar minn hekk, tgħinhom iħobbu lil Alla, għax fit-tjubija tiegħek jilmħu lilu.

Min-naħa l-oħra jekk inti traskurat f'xogħolok, maħmuġ f'ilbiesek, qalbek iebsa f'imġibtek, tagħmel ħsara lir-reliġjon. Kollox imur mar-riħ miegħek.

Hi ħaġa kbira li Kristu ħalla l-unur tiegħU fir-responsabbiltà tagħna.

Jekk inti bniedem li qed tagħmel l-affarijiet nofs leħja dan għandu jistimulak. Iżjed minn hekk dan ifisser li wkoll l-aspett l-iktar materjali ta' ħajtek, ix-xogħol fil-fabbrika, jew fid-dar, fl-iskola teknika jew fl-università jew fit-trejdjunjin, fl-atletika, fil-mużika, fit-tpinġija u l-bqija, kollu tista' tagħmlu b'tali mod li jkun xhieda tiegħU b'mod prattiku.

16 Il-Fundatur Taljan tar-Redentoristi (1696 – 1787)

## Attakki Kontra l-Knisja

*Kull fejn tmur, fuq ix-xogħol, fil-każini jew fis-soċjetajiet tisma' b'diffikultajiet imqajma u jiġu mistoqsija mistoqsijiet li forsi jaħbtu għall-pedamenti tal-Knisja jew tal-Fidi nnifisha, u inti u tgħin lill-oħrajn, la tinsiex il-periklu għalik innifsek.*

Ħafna minn dawn l-oġġezzjonijiet tkun tista' tiffaċċjahom tajjeb mit-tagħrif li inti jkollok. Oħrajn jidhru tant qawwija li jbeżżgħuk, għalhekk sewwa li dak li jkun jirraġuna bejnu u bejn ruħu hekk: "Tkun xi tkun l-oġġezzjoni hemm tweġiba għaliha. Dawn id-diffikultajiet u l-mistoqsijiet kollha ġew imqajma qabel u twieġbu. Nies kbar f'kull żmien ippruvaw isibu l-ħofor fid-duttrini tal-Knisja u huma u l-filosofija tagħhom għaddew u marru, filwaqt li l-Knisja baqgħet ħajja."

*Ftakar dejjem li l-verità tad-duttrini tal-Knisja ma tiddependix minn kemm aħna kapaċi nagħtu prova li huma veri. Lanqas li kieku kellek seba' ħajjiet m'hu żmien twil biżżejjed biex tissodisfa ruħek minn kull punt. Il-prova vera tagħhom qegħda filli l-Knisja tiddikjarahom għax il-Knisja hija l-pilastru u l-art soda tal-verità.*

Għalhekk tħallix dak li xi ħadd fuq ix-xogħol[17] qal, iħawdek. Ħalli l-oġġezzjoni tiegħu -- ukoll jekk qajmet xi mistoqsija f'moħħok -- tkun biss qed tagħtik ċans tagħmel Att ta' Fidi.

"Minix nifhem, għażiż Mulej, imma jiena nemmen għax il-Knisja għallmithielna, u l-Knisja ma tistax tiżbalja".

Aqra l-wegħda tas-Sinjur Tagħna, Ġesù:
"Fuq din il-Blata jien nibni l-Knisja tiegħi u, bibien l-Infern ma jegħlbuhiex".[18]

Imbagħad isma' kliem Lord Macaulay[19] li ma kienx ħabib tal-Knisja; u ara kif dik il-wegħda għada tgħodd wara dsatax-il seklu:

"Meta nirriflettu fuq l-assalti tremendi li l-Knisja Kattolika għaddiet minnhom u baqgħet ħajja, insibuha diffiċli biex naħsbu b'liema mod tista' tinqered."

## Is-Sejħa Għall-Opri t-Tajba

*Fil-ġranet ta' rtir jew fit-talb tiegħek jew permezz ta'xi stedina ta' xi ħabib, tasallek is-sejħa għal xi opra tajba.*

17 i.e.fuq il-post tax-xogħol
18 San Mattew 16:18
19 Thomas Babington Macaulay, politiku kontroversjali, Ingliż u mgħallem tal-proża Ingliża ( 1800 – 1859)

Jista' jkun li tkun ġejja minn fuq, għalhekk tkunx pront tirrifjuta. Tista' tasallek il-vokazzjoni ta' ħajtek. Santu Wistin[20] jitkellem b'mod solenni dwar dan:

"Ibża' mill-Mulej għaddej .... Jista' jkun li ma jerġax jgħaddi minn triqtek."

## Kif Nistgħu Nagħmlu Ħwejjeġ Kbar

*Bil-bżulija, b'sagrifiċċju tiegħek innifsek u bi ftit għarfien dwar in-natura tal-bniedem, ilkoll nistgħu ikollna riżultati:*

**(a)** billi norganizzaw - inlestu l-affarijiet għal nies li ma jlestuhomx għalihom infushom.

**(b)** billi nġibu lin-nies affarijiet li jkunu ta' benefiċċju għalihom u li qatt kieku ma kienu jġibuhom għalihom infushom;

**(c)** billi nappellaw b'mod individwali lin-nies li qatt ma jwieġbu meta l-appell isir b'mod ġenerali.

Fi kliem ieħor aħna nkunu l-pont li jaqsam l-abbiss bejn x'jagħmlu n-nies bihom infushom u x'iridhom jagħmlu Alla.

20 L-Isqof ta' Hippo, fl-Afrika ta' Fuq u Duttur tal-Knisja (354 – 430)

Per eżempju:-

**(a)** Ġie organizzat pellegrinaġġ. Dak li wieħed irid jagħmel hu li jixtri biljett għall-post tiegħu. Elf persuna tmur. Jista' jkun li ħadd ma kien imur li kieku l-pellegrinaġġ u d-dettalji tiegħu ma ġewx irranġati.

**(b)** Isir appell minn fuq il-pulptu biex jixtru xi pubblikazzjoni reliġjuża. Ftit nies iwieġbu. Jekk lin-nies iddurhom bieb, bieb b'kopja tar-rivista f'idejk u tħajjarhom għaliha, takkwista mijiet ta' qarrejja ġodda.

**(c)** Kull persuna f'belt tkun taf bil-bżonnijiet ta' karità ġol-lokal. Imma ftit jagħtu isimhom biex jgħinu sakemm issir sejħa organizzata bieb, bieb. Imbagħad kulħadd jagħti.

## "Ħobb lil Għajrek bħalek Innifsek".[21]

*Dawn li ġejjin huma biss indikazzjonijiet x' jista' jsir.*

Il-gosti tiegħek, l-ambjenti tiegħek, il-kuxjenza tiegħek jisuġġerixxu ħafna meżżi qawwija li minnhom ruħek tibbenefika billi qed jibbenefikaw minnhom l-erwieħ tal-oħrajn. "Ħobb lil għajrek bħalek innifsek" hu kmand

21 San Mattew 19:19

iebes. Iżda nżommu f'moħħna min qalu u tittraskurax milli tagħmel il-ġid lill-oħrajn. Staqsi lil San Vinċenz de Paul[22], li hu l-patrun tal-opri tal-ħniena, biex jispirak b'għarfien ta' x'jgħodd għalik l-aktar. Forsi tibda billi ssir membru tas-Soċjeta' li ġġib ismu.

## Hawn ftit suġġerimenti oħra

**(a)** Inti tkun taf b'xi Sodalità eċċellenti. Aħdem ħafna għaliha. Agħmilha ta' xi prefett f'xi għaqda. Ittrenja lis-sottu prefett jagħmel ix-xogħol, u mbagħad meta tara li jmexxi mingħajr l-għajnuna tiegħek, waqqaf grupp ieħor għalik. Hekk tkabbar in-numru tal-membri fis-sodalità u inti tibqa' mħeġġeġ.

**(b)** Taf b'xi skola ta' filgħaxija li qed tipprepara studenti b'xeħta għas-Saċerdozju jew għall-ħajja reliġjuża f'kunvent. Għid lil oħrajn biha li jistgħu jkunu nteressati. Ħafna jissieħbu u jibdew il-ħidma, u din tkun l-ewwel tarġa li tgħinhom jifformaw riżoluzzjoni soda għax li kieku l-affarijiet jitħallew għar-riħhom ma ssib xejn ħlief xewqat vagi.

**(c)** Hemm xi organizzazzjoni li inti taf li pproduċiet titjib spiritwali kbir fil-membri tagħha. Daħħal il-ħbieb tiegħek fiha.

22 Fundatur Franċiż tal-Ordni ttal-Vinċensjani (1581 – 1660)

**(d)** Hemm rivista reliġjuża jew gazzetta tajba. Kabbar iċ-ċirkulazzjoni tagħha.

**(e)** Taf lil xi ħadd li għandu d-don li ma' kull min jiltaqa' jirreklutahom biex iwettqu ħidma soċjali  Introduċi n-nies għal għandu.

**(f)** Qrajt xi ktieb li għamillek ħafna ġid. Ixtri kopja jew tnejn bħalu u sellfu 'l dak u 'l ieħor.

## Nipromwovu l-Irtiri

Tista' taħdem għall-irtiri bil-magħluq, li huma art tajba għall-perfezzjoni Nisranija  - kif il-Papa iddeskrivihom -  kull fejn jeżistu jipproduċu qtajja' ta' ħaddiema ħabrieka għall-kawża tar-reliġjon, iqaddsu lit-tajbin u jerfgħu 'l fuq lil min għadu 'l isfel fil-ħajja spiritwali.

Jekk trid tara li jsir ġid li jilħaq lil tal-qrib u lil tal-bogħod, dan huwa l-mezz f'idejk, mezz żgur u li jieħu ftit żmien.

Fejn dawn l-irtiri diġa' jsiru, ħabrek għalihom u għamlilhom propaganda, u fejn għad m'humiex stabbilliti immira li twaqqafhom.

## Meta Tiġi Biex Tagħmel Xi Ħaġa Ġdida

*Forsi tingħaqad m'oħrajn bi skop wieħed li tagħmlu l-ġid, u tagħtu l-ewwel pass għal dak li San Vinċenz isejjaħ l-imxija tal-Karità - wieħed jittieħed mill-ieħor.*

Ibda b'organizzazzjoni żgħira

Iġbor madwarek xi wħud biex issir xi biċċa xogħol tajba. Iltaqgħu regolari kull ġimgħa - jekk hu possibbli - u ddiskutu l-isforzi żgħar tagħkom taħt l-awspiċju tat-talb. Oqgħod fuq il-kelma tiegħU (ta' Ġesù) li Hu li jista' jagħmel li l-isforzi tagħkom jagħtu l-frott, qiegħed hemm f'nofskom.

**Timmirax għall-għoli ħafna.** Tkunx anzjuż ħafna. Fuq kollox ħares id-dmirijiet ta' rutina u agħti kas id-dettalji ż-żgħar tal-laqgħa. Ibda fil-ħin, il-minuti miktuba tajjeb, ir-reġistru tal-attendenza mmarkat regulari, id-diskussjoni ssir biss dwar dak li għandu x'jaqsam mal-laqgħa, ara li l-membri jżommu l-imħabba ta' bejniethom, dawn - iktar minn kapaċità li torganizza jew li jkollok ħaddiema eċċezzjonali, jiżguraw suċċess dejjiemi.

Ma jistax jiġi emfasiżżat biżżejjed li l-progress u l-permanenza tal-organżżazzjoni tiddependi mil-

laqgħat u li l-laqgħat imbagħad jiddependu mis-sistema, mill-ispirtu ta' talb u l-fraternità li tinsab fihom.

F'li tagħmel oqgħod attent għal dan: ilqa' bil-kalma t-tlajja u l-inżul u x-xogħol tiegħek jista' jimmultiplika ruħu qatigħ.

***Il-movimenti l-kbar kollha kellhom bidu daqstant sempliċi.***

## Ftit modi familjari ta' kif tagħmel Xogħolijiet Kbar

Dawn li ġejjin huma wħud mill-ħafna modi ta' kif kotra ta' nies, irġiel u nisa, qegħdin jgħaddu l-ħin tagħhom jaqdu lil Alla. Jum il-Ġudizzju biss se juri l-gost li taw lilU u l-ġid li sar permezz tagħhom.

Dawn il-ftit eżempji li se nagħti juru biċ-ċar li dan ix-xogħol kapaċi tagħmlu kull persuna li jkollha l-perseveranza.

### (a) L-Għalliem tad-Duttrina

Darba waħda sinjura li tant kienet tixtieq tagħmel xi ħaġa ta' ġid, staqsiet lill-qaddis San Piju X[23]

23 Papa mill-1903 - 1914

x'jisuġġerilha. Issorprendiha billi weġibha," Għallem lit-tfal il-Katekiżmu."

Offri ruħek biex tieħu klassi tad-duttrina u poġġi qalbek fiha. Akkwista kollezzjoni ta' stejjer li bihom tista tħarreġ u fl-istess ħin ikunu ta' interess għal dawn iċ-ċkejknin li kif is-soltu ngħidu jixorbu bħax-xuga u jibqgħu jiftakru. Ħafna minnhom 'il quddiem jagħmlu ħwejjeġ kbar għal Alla. U int tkun l-istrument li bih sar dan.

**(b)** Is-Santa Infanzja[24]

Organiżża u mexxi, bil-permess tal-kappillan, fergħa tas-Santa Infanzja.

Żomm f'moħħok li għandek żewġ skopijiet: l-ewwel, li xxerred id-devozzjoni lejn il-Missjonijiet ta' Barra flimkien mal-għajnuna finanzjarja; it-tieni, li żżomm kuntatt mat-tfal li skond ir-regolamenti jridu jħallsu dik ix- xi ħaġa tal-miżata kull xahar. Ħallihom iħallsu huma. Kun afhom sewwa. Għidilhom l-istejjer u

24 Issa tissejjaħ Is-Soċjetà Pontifiċja tat-Tfal tal-Missjoni

għallimhom devozzjonijiet żgħar u kif jagħmlu s-sagrifiċċji. Għidilhom iġemmgħu bolol użati, din il-prattika fiha nnifisha hi talba u l-bolli jġibu valur għall-Missjonijiet ta' Barra.

B'dan ix-xogħol tista' tifforma Qaddisin. M'intix ħa tara xi avvanz tal-għaġeb isir f'daqqa f'dawn. Mhux hekk is-soltu jiġri. Imma int ibqa' għaddej bla ma tbatti u fis-snin ta' wara tara ħsad għani ta' qdusija minn fosthom.

**(c)** Żjajjar lill-Morda

*Meta kienu jiġu f'belt ġdida, l-ewwel ħsieb li kien jiġi f'moħħ Sant Injazju ta' Loyola[25] u ta' sħabu kien li jmorru jżuru lill-morda fl-isptarijiet, billi kienu jafu li f'li jagħmlu hekk, kienu jagħmluh lil Kristu nnifsu.*

Agħżel sptar, u sib lil dawk li ma jkollhomx ħbieb jew viżitaturi. Kun int il-ħabib u viżitatur tagħhom. Żurhom regolarment, it-tbissima fuq wiċċek u l-kliem ferrieħi tiegħek jagħmlu l-visti tiegħek mistennija. U

25 Fundatur Spanjol tal-Ordni tal-Ġiżwiti ( 1491 -- 1556 )

x'talb sabiħ iressqu lejn is-sema għalik dawn il-povri batuti ta' Ġesù, li int tkun qed tgħin.

**(d)** Inxerrdu Letteratura Tajba

*Hemm ħafna li jaħdmu biex ikabbru ċ-ċirkulazzjoni ta' xi rivista ta' xeħta reliġjuża u ta' ċertu valur, mimlija tagħlim b'forma ħafifa u nteressanti.*

Dawn il-promoturi jikkomponu lista ta' nies li lesti li jabbonaw fir-rivista u xahar wara l-ieħor iżuru djarhom - u jwassluhielhom. Il-missier, l-omm u t-tfal jaqrawha u din tinfluwenzahom u hekk jinxtegħel regolarment fanal ta' grazzja fil-familja.

Waħda armla kellha familja kbira u kellha tistinka ħafna fix-xogħol matul il-ġurnata biex tgħajjixha. Madanakollu kienet tibda l-ġurnata b'Quddiesa u Tqarbina. Kellha mal-mitt abbonat f'din ir-rivista. Hi stess kienet twassalhielhom u d-djar tagħhom kienu mferrxin; kienet tmur filgħaxija x'ħin min jaf kemm kienet tixtieq li tkun qiegħda tistrieħ. Kienet taf sewwa lil dawn il-familji u hekk kienet tipprova tħajjarhom għal dawk l-affarijiet li kienu għal qalbha:

il-Quddiesa u t-Tqarbina ta' kuljum, l-Appostolat tat-talb u l-Missjoni ta' Maynooth lejn iċ-Cina.[27]

U aktar! Xi snin ilu f' New York, ħassiela ta' karnaġġjon skur għaddiet ħajjitha bl-istess mod, meta mietet kellha funeral tista' tgħidlu pubbliku u ndifnet fil-preżenza ta' eluf ta' persuni li akkompanjawha u li wiċċha kien familjari magħhom hi u tfakkarhom fid-dmirijiet tagħhom lejn Alla.

*Tħobb lil Ġesù u tagħmlu maħbub... . Żewġ eżempji ta' dan fil-prattika. Min jista' jevalwa fil-verita' ħajjiet bħal dawn?*

**(e)** Dak li joħroġ jiġbor bieb, bieb, u li jkun awtoriżżat kif suppost

Bir-reġistru f'idu u li fuqu jidher il-permess tal-kappillan u bil-barka tiegħu, dak li jiġbor, aktarx tarah tiela' u nieżel it-turġien tal-appartamenti,iserrep ġo sqaqien u mogħdijiet fejn ħafna min-nies karitatevoli - il-foqra - jgħixu. Hawnhekk jiġbor is-soldi jew iż-żewġ soldi għall-Fondi tal-Bini tal-Knisja jew għal xi proġett ieħor ta' karità mmexxi mill-kappillan.

27 Soċjeta missjunarja mwaqqfa fl-1916 mill-Kulleġġ ta' San Patrizju f'Maynooth, fl-Irlanda, is-seminarju nazzjonali u l-universita' pontifiċja fl-Irlanda, aktar tard bdiet tissejja] is-Soċjeta' ta' San Kolumbanu (Il-Kolumbani).

Dejjem xogħol qaddis, id-dawra li jagħmel tista' tkun appostolat ġenwin.

Veru mhux qiegħed jipprietka. Imma kelma tajba 'l hawn u 'l hemm tħalli l-frott. U jista' jżid mal-kelma tiegħu armi qawwija - il-labtijiet, domni, beġġijiet approvati mill-Knisja. Hu u jxerred devozzjonijiet bħal dawn qiegħed jibni mogħdijiet li jimtlew bl-ilma tal-grazzja.

Isib ħin jgħaddi kelma f'kull dar, jieħu interess f'kull membru tal-familja.

Bdew jitqarbnu t-tfal? Paddy u Molly miktubin fil-Labtu tal-Karmnu? Hawn ħu medalja mirakoluża għall-wieħed u santa għall-oħra. Jipprova jara jekk il-kbar humiex f'xi Għaqda. Probabbilment hemm il-missier jattendi fl-Għaqda li jmur hu .

Ma joqgħodx ipaċpaċ fuq x'qegħdin jgħidu l-gazzetti. Jafu biżżejjed fuq hekk, m'hemmx bżonn it-tagħrif tiegħu.
Barra minn hekk, forsi ma jaqbilx mal-opinjoni ta' xi wħud li jista' jqanqal kliem sħun, kontroversja b'xi ftit imrar u l-influwenza tiegħu tkun taret mar-riħ.

Dejjem jibqa’ fuq xhiex titkellem dwar affarijiet tal-Knisja u tal-Parroċċa, il-ħtiġijiet individwali tal-familja u kultant xi suġġeriment fuq id-Devozzjoni ta’ l-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar, il-Konsagrazzjoni tal-familja lill-Qalb Imqaddsa ta’ Gesù , eċċ. Jirrakkonta ħafna stejjer ta’ kif ir-Ružarju safa ta’ barka, u l-mod kif salva l-Fidi fiż-Żminijiet tad-Dlam[28]

Il-fatt li jsemmilhom li waslet il-Missjoni fil-Parroċċa jkun iktar effettiv mill-‘posters’ li jitwaħħlu ‘l hawn u ‘l hemm.

Ukoll, in-nies jitkellmu dwar il-ġirien tagħhom u hekk isir jaf aktar l-inħawi u fejn jara xi ħaġa li ma ddoqqx jgħarraf lill-Kappillan li tajjeb li jkun jaf dwarha.

U li jiġri li l-passi stess tiegħu stess u d-dehra ta’ wiċċu jkunu qishom in-nifs tar-reliġjon u tfakkira speċjali lil dawk li huma traskurati.

*In-nies imorru l-quddies jew jirċievu s-sagramenti sempliċiment għax id-dehra tiegħu tfakkarhom ma jittraskurawx id-dmirijiet tagħhom ta’ nsara.*

28 i.e. iż-żminijiet tal-imgħoddi meta kienu ppersegwitati minħabba l-Fidi

# Is-Sigriet ta’ kif Tinfluwenza l-Oħrajn

*Hemm arti ta’ kif wieħed iċaqlaq lil ħaddieħor, u dawk li jaħdmu għall-proxxmu għandhom jistudjawha.*

La tgħidx, “Jien ma nistax”, jew “Jien minhiex addattat”, jew “Lili ħadd ma jagħti kasi”. Għax ħaġa waħda hemm li tlibbsek bil-qawwa inti, u tagħmilha man-nies - dik li tħobbhom. Dan hu s-sigriet il-kbir ta’ influwenza vera. Biex ikollok dan, imxi ma’ din ir-regola sempliċi:

*F’kull persuna, tkun min tkun, fittex fiha l-kwalitajiet it-tajba; u ssibhom. Qatt tfittex in-nuqqasijiet, għax ukoll issibhom.*

Agħmel hekk u, faċilment tiżviluppa d-drawwa tal-imħabba.

Ikkonvinċi lil dawk ta’ madwarek, bil-fatti u mhux bil-kliem, illi tassew tħoss għalihom, u tkun tista’ tmexxihom fejn trid.

# Alla fil-Ħidma Tiegħu

## Il-Ħwejjeġ kollha jindikawlna direzzjoni lejn Alla.

Konna qed nikkunsidraw xi ftit fit-tul fuq xi metodi kif naqdu lil Alla. Ejjew niftakru li dawk huma biss metodi. Aħna nklinati dejjem li fejn xi ħaġa tinteressana nħalluha tassorbina b'tali mod li ninsew għaliex u għal Min bdejniha.

Hi ħaġa naturali li jiġri dan. Ix-xogħol hu ħaġa li jidher filwaqt li dak li hu sopranaturali mhux; u aħna bla ħsieb ta' xejn, inħallu dak li jidher jimbuttana 'l quddiem a skapitu tas-sopranatural. Dan inaqqas mill-valur tal-għemil kollu tagħna bħala att t'offerta lil Alla.

Minflok, b'daqsxejn ta' ħsieb nistgħu indawru dawk il-ħwejjeġ li jaħbtu jaljenawna minn Alla, bħala tfakkira tal-Preżenza tiegħU f' din id-dinja.

Meta naraw Knisja fil-bogħod, anke jekk qed nilmħu biss il-kampnar, iġġibilna sens ta' qima għall-ħsieb tal-Preżenza tiegħU magħna fl-Ewkaristija. Imma terġa', il-knejjes huma rari. Irridu dak is-sens ta' qima l-ħin kollu ta' ħajjitna. Nistgħu nidraw nagħmlu dan jekk nidraw naraw lilU fil-ħwejjeġ kollha.

Fil-bidu Hu ħalaq kollox mix-xejn. Imma mbagħad Hu ma waqafx mix-xogħol tiegħU. Jeħtieġ il-qawwa omnipotenti tiegħU biex dawn l-affarijiet jibqgħu. Li kellu jneħħi Idu minn fuq kwalunkwe oġġett li naraw f'din is-sekonda, kieku kien jisparixxi minn taħt għajnejna fix-xejn bħal ma kien qabel.

*Għalhekk kull ħaġa li naraw għandha tgħidilna li id Alla qegħda fuqha.*

Għandu jimlina b'sens ta' reverenza meta naħsbu li nistgħu mmissu dak li qiegħed imiss Hu. Il-weraq fis-siġar huma u jitħarrku jgħidulna bil-preżenza taż-żiffa għaddejja li aħna ma narawx. Għaliex ma nħallux is-siġar u l-weraq u r-riħ, u dak kollu ta' madwarna, ikellmuna biċ-ċar fuq il-Qawwa tal-għaġeb li żżommhom fl-eżistenza?

*Nieħdu f idejna insett, jew fjura, jew il-ħobż, jew ktieb. Jekk naħsbu ftit, kull ħaġa minn dawn ixxandar lilU.*

San Bonaventura[29] qal fuq San Franġisk t'Assisi li kull ħaġa tan-natura servietu bħala skaluna f'sellum li biha mar il-Ġenna. Kien iħobb sal-ġebel ta' taħt saqajh għax kien xogħol il-Ħallieq

29 Franġiskan Taljan magħruf bħala d-Duttur Serafiku ( 1217 - 1274 )

*Bla sforz ta' xejn, il-qaddisin kollha kienu jaraw lil Alla fil-ħidmiet tiegħU. Għalihom kollox kien raġuni għat-talb. Imma kien hemm żmien meta kienu għadhom prinċipjanti bħalna. Huma pperseveraw, aħna nagħmlu bħalhom?*

**Intom Tempju tal-Ispirtu s-Santu li qiegħed fikom.**

Aħna u nikkunsidraw lil Alla fil-ħidmiet tiegħU ta' madwarna m'għandniex ninsew il-preżenza tiegħU fina nfusna.

Id-duttrina Kattolika tgħallimna li l-Ispirtu s-Santu jagħmel l-għamara tiegħU f'dawk li huma meħlusin mid-dnub il-mejjet. Il-ħajja tagħna tieħu bixra ferm għall-aħjar li biha niskopru din il-verita' tal-għaġeb.

Kif qatt nistgħu inħossuna mnikkta, waħedna jew imsejkna!

Jekk lil Alla nikkunsidrawh qiegħed hemm fir-Renju Tiegħu Tas-Sema, aktarx nistħajluH li qiegħed fil-bogħod. Aħna nafuH bħala Missier li jħobb, imma dan is-sens ta' bogħod inaqqsilna mis-sens tal-protezzjoni tiegħU.

*Iktar għandna naħsbu li Hu jgħix f'kull wieħed u waħda minna – Hu  jagħtina t-taħbit ta' qalbna u li qed jisma' l-ħsibijiet l-iktar interjuri tagħna.*

Ħares lejn ix-xemx tiddi fis-sema b'dawl u sħana biżżejjed għad-dinja kollha kemm hi. Dak li għamilha, Hu qiegħed fina bi Glorja nfinitament aqwa minn hekk.

***Imqar f'dan il-ħsieb hemm il-qdusija;  u l-idea tad-dnub li hu xi ħaġa li  jkeċċi 'l barra lil dan l-Inkwilin Divin, tagħtina tifsira iktar ċara u ta' min  jistmerru.***

## Is-Smewwiet u l-Art Mimlija bil-Glorja Tiegħek

*Billi l-kobor u l-ġmiel t' Alla huma hekk infiniti, aħna ma nistgħux inkejluhom f'ħajjitna fuq din l-art.*

B'mod dgħajjef nistgħu biss infittxu  nieħdu idea tagħhom billi nġibu quddiem għajnejna l-aqwa u l-krema, kif ngħidu, ta' dak li nafu bih; u mbagħad nippruvaw ngħollu l-menti tagħna 'l fuq minn  dan.

Ħu minn dak li hawn madwarna, dak kollu li jtina gost, li hu qawwi, safi, sabiħ, glorjuż. Itfa' ħarstek fuqhom, u l-ġmiel tagħhom iħallik bla nifs. Imma s-sbuħija tagħhom huwa biss dell tas-Sbuħija t'Alla.

Fid-dawl ta' din il-verita, mhux bil-fors dik il-fjura delikata, jew is-sema mlewwen b'dak l-isplendur, ikellmuna b'tifsira ġdida?

Qabel, ammirajnihom għal li huma; ejjew issa nħarsu lejhom b'reverenza għal dak li jissuġġerulna.

## Kif Alla Jittratta mal-Bnedmin

*L-istess, it-tjubija tiegħU hi daqshekk ieħor lil hinn milli aħna nistgħu nifhmu.*

Il-ħajja tal-Mulej tagħna Ġesù fuq din l-art, jew l-Ostja u l-Kalċi merfugħin 'il fuq fil-Quddiesa għandhom jagħtuna idea tal-profondità tal-imħabba li Hu għandu għal kull wieħed u waħda minna, minkejja midinbin kif aħna.

Jittrattana qisna rejiet. Wieħed mir-riżultati taż-żieda fil-qdusija hu li bil-mod il-mod nirrealizzaw aktar it-tjubija tal-għaġeb li ġenerożament isawwab fuqna minn x'ħin jisbaħ sa ma jidlam. Arana ngergru meta jinqalgħulna l-problemi, x'ħin jiġu fuqna t-tbatijiet, għalkemm kull sofferenza, kif jgħid il-qawl, tiswa mitqlu deheb. Aħna għomja għall-fatt li dak li hu messaġġier ta' barka, ma jistax ikun kastig .

Alla hu tajjeb ...

Ejjew inserrħu fuq dan il-ħsieb kbir meta dellijiet suwed jaqgħu fuqna. M'hemm xejn li ġej minnU li mhix ħniena, għalkemm jista' jidher iebes. Jista' jkun xi ħaġa li n-nies tibża' minnha bħall-mewt, jew il-kanċer, jew li taqa' fid-djun, jew sempliċiment uġigħ ta' ras, - inserrħu rasna li hi għall-aħjar tagħna. Hemm il-ħniena moħbija fiha.

***Alla hu tajjeb ... Alla huwa hekk tajjeb.***

## Il.Fiduċja bħala Karatteristika tal-Qaddisin

*F'dan l-ispirtu ta' fiduċja, il-qaddisin laqgħu kulma għadda mingħalihom.*

Konxji li huma mħaddnin f'dirgħajn il-Providenza mimlija mħabba, kienu grati l-istess sew jekk imbennin fuq id-driegħ tax-xellug kemm jekk fuq id-driegħ tal-lemin.

Kulħadd jista' jkollu dan l-ispirtu qaddis, għax dan aħna narawh fil-foqra sal-ġurnata tal-lum. L-ikbar diżgrazzja tintlaqa' bil-qawwa.

***"M'hemmx salib, li ma jkissirx wieħed itqal",***

Josservaw, u  mbagħad, anki jekk bid-dmugħ iċarċar minn għajnejhom-

***"Tkun magħmula r-rieda t'Alla; merħba lir-Rieda Qaddisa t'Alla".***

Għandna nimxu fuq l-eżempju ta' nies qaddisa ta' kull żmien b'din il-fiduċja  bħal ta' tifel, dan l-għarfien perfett li Hu l-Missier Twajjeb Tagħhom.

## Imħabbitna Għalih

*Qlubna magħmulin li kapaċi jżommu fihom l-ikbar u l-iktar imħabba pura. Alla kellu l-intenzjoni li jkunu għal xejn inqas minn dan.*

Ikun  diżunur li  f'dawn il-qlub ikollna fihom mħabba bbażata biss fuq motivi ta' premju jew kastig, retti kemm huma retti. Għalhekk ejjew nippruvaw noffru lir-Ragħaj it-Tajjeb imħabba li tilħaq il-qċaċet, 'il fuq minn ħsibijiet personali, u nħobbuH ..." mhux biex fil-Ġenna nsaltnu ...  mhux biex  niskapulaw il-piena eterna ...  anqas bil-ħsieb ta' gwadann" ... iżda għaliH stess, u li  nistgħu nossidisfaw b'xi ħaġa safja dik l-Imħabba Kbira tiegħU mxennqa għal dik tagħna.
U hekk kif din l-imħabba safja tissaħħaħ fi qlubna, malajr, bħal ajkla, tiddejjaq ukoll mill-qċaċet tal-

muntanji, u tixxennaq għal għoli infinit, sakemm -- mal-Fjura ċ-Ċkejkna[30] -- ngħajtu ħerqana:

**"Gesù! ... Gesù!...Kemm nixtieq inħobbok ..**
**Inħobbok b'mod li bih qatt ma ġejt maħbub**
**daqshekk".**

30 Santa Tereża tal-Bambin Ġesu minn Lisieux, Franza (1873 - 1897 )

Talba Għall-Beatifikazzjoni
tas-Serv ta' Alla,
Frank Duff.



**Alla Missierna**

Int nebbaħt is-serv tiegħek Frank Duff biex jagħraf il-fond tal-misteru tal-Knisja tiegħek, il-Ġisem ta' Kristu, u l-post ta' Marija Omm Ġesù f'dan il-misteru.

Fix-xewqa verament kbira li huwa kellu sabiex jaqsam dan it-tagħrif mal-oħrajn u f'dipendenza li huwa ħass bħala iben ta' Marija, huwa fforma l-Leġjun tagħha sabiex ikun sinjal tal-imħabba tagħha ta' Omm għad-dinja kollha fil-ħidma ta' evanġelizzazzjoni li l-Knisja għandha.

Aħna rroddulek ħajr, Missier, għall-grazzji li inti tajtu u għall-benefiċċji li inti xerridt fuq il-Knisja għall-merti tal-fidi tiegħu tant kbira u qawwija.

B'fiduċja sħiha nitolbuk li bl-interċessjoni tiegħu inti tagħtina l-grazzji li nixtiequ.....

Nitolbuk ukoll li, jekk din hija r-rieda tiegħek, il-qdusija tal-ħajja tiegħu tiġi magħrufa mill-Knisja għall-glorja ta' Ismek. Bi Kristu Sidna.

Ammen.

(Bl-approvazzjoni tal-Knisja)



Kull grazzja maqlugħa bl-
interċessjoni
Tas-Serv t'Alla Frank Duff
għandha tiġi mgħoddija bil-
miktub
lid-Diriġenti
tal-Leġjun ta' Marija,
278, Triq San Pawl,
Valletta, Malta.



Venerabbli
Edel Quinn



Serv ta' Alla
Frank Duff



Serv ta' Alla
Alfie Lambe

Ċentru Internazzjonali tal-Leġjun ta' Marija
De Montfort House, Morning Star Avenue,
Brunswick Street, Dublin 7, Ireland.

Website: www.legion-of-mary.ie